# MID-DURA

Pubblikazzjoni informattiva mill-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti Volum 2022-2



www.huntinginmalta.org.mt

**NEWSPAPER POST**
If undelivered please return to:
FKNK P.O. Box 26 Sliema SLM1055

# MESSAĠĠ MILL-PRESIDENT

Għeżież ħbieb,

Wasal iż-żmien biex jiġi ndirizzat messaġġ ieħor għall-ħarġa attwali tal-pubblikazzjoni Mid-Dura. Jekk tiftakru sew f'xi wħud mill-aħħar messaġġi li ġew indirizzati f'Mid-Dura dejjem sar appell biex nibqgħu magħqudin u li ma għandna naqtgħu qalbna qatt. Dan irriżulta fi frott li ġie mgawdi minn kulħadd. Frott li ħafna ma stennew qatt li ser jaħsdu u aħna kif dejjem għamlu kemm il-fundaturi sa dawk attwali li jamministraw l-FKNK, qatt ma qtajna qalbna. Erġajna ġibna lura dak li għal ħafna kien mitluf. It-triq ma kinitx faċli, u 'l quddiem mhux ser tkun faċli lanqas.

Nispera qabel xejn kellkom staġun mill-isbaħ - staġun li gawdejtu l-meravilja li tkun qed tħaddan ir-rebbiegħa, fil-kwiet fid-dura jew timxu flimkien mal-klieb tagħkom. Ngħid għalija kellna mumenti li kienu emozzjonanti, u fl-istess waqt ikebbsu tama għat-tradizzjonijiet soċjo-kulturali tagħna. Dawk it-tradizzjonijiet li jagħmluna propju Maltin u Għawdxin.

Għalkemm forsi ma kinitx waħda mill-pases tajbin, xorta gawdejna fil-kwiet il-ġmiel tan-natura waqt li rrilassajna u qtajna naqra mill-ħajja mgħaġġla ta' kuljum tagħna.

Dan kollu ma ġiex mix-xejn, u dan hemm bżonn li jiġi kkomunikat u miftiehem sew magħkom il-membri. Tafu li minn meta ġie impost il-moratorju, minn dak il-mument stess, l-FKNK bdiet taħdem biex tikkompila, tħaddan u tippubblika studji u rapporti tekniċi u xjentifiċi li jsostnu argumenti biex eventwalment jitneħħa l-moratorju. Meta rajna pajjiżi fl-Ewropa li saħansitra kellhom problemi ferm diffiċli biex ma jkunx hemm teħid ta' gamiem fil-ħarifa, minkejja wkoll li ma kellhomx rieda politika biex dan iseħħ, aħna bqajna naħdmu mingħajr ma qtajna qalbna. Il-proposti tagħna ġew diskussi waqt il-kumitat ORNIS fejn ġie propost lill-gvern biex grazzi għar-rapporti li ġew preżentati jiġi ntemm il-moratorju u nerġgħu nipprattikaw b'mod sostenibbli teħid tal-gamiema. Grazzi għad-direzzjoni ċara politika, dan ġie milħuq u erġajna wara sitt snin gawdejna dak li ħafna ħasbu li konna tlifna.

Kif tafu x-xkiel u gambetti ma jonqsux minn kamp oppost li dan ma jħaddanx tolleranza, imma jagħmel dak kollu li jaħseb hu possibbli biex iħassar il-festi li hu għal skopijiet estremi ma jaqbilx u ma jittollerax dak li qed jagħmel ħaddieħor.

Rajna li dan il-kamp spiċċa għamel mandat ta' inibizzjoni biex jipprovaw iwaqqfu l-ftuħ tal-istaġun tal-kaċċa għall-gamiema fir-rebbiegħa. Dan kollu ftit jiem qabel il-ftuħ! L-FKNK kienet hemm u esplorat u ġġieldet kull mezz possibbli legali biex dan ma jseħħx, u li kieku seħħ nafu li kien ser jinħoloq preċedent fuq kull forma ta' prattika eżistenti f'pajjiżna għax ħaddieħor ikun jogħġbu ma jaqbilx! Tħeddida fuq governanza u fuq l-amministrazzjoni fuq l-istat. Biss kif dejjem ngħidu s-sewwa joħroġ dejjem rebbieħ!

Ma ninsewx li dan wara li mhux jirrispettaw deċizjoni tal-Qorti Ewropea li ttieħdet lura fl-2009, riżultat ta' referendum nazzjonali abbrogattiv fl-2015 u mandat ta' gvern konfermat b'riżultat tal-elettorat.

L-istess kamp jiftaħar pubblikament li għal 1,200 membru li jħaddan (li tliet kwarti minnhom huma tfal) għandhom 'il fuq minn 20 impjegat u jagħmlu *turn over* ta' aktar minn miljun ewro fis-sena!

Aħna nafu li dawn mhux ser jieqfu hawn, u ser ikunu qed jużaw kull mezz u theddida possibbli kontra minoranza u prattika li hija



regolata u forma tagħha prattikata minn 'il fuq minn 7 miljun kaċċatur fl-Ewropa.

Filwaqt li nafu dan kollu, aħna ma aħna ser naqtgħu qalbna qatt! Għandna bżonn lilkom warajna, lilkom spalla ma' spalla magħna, lilkom li tħaddnu tama u fidi f'dak li nagħmlu – biex b'hekk nibqgħu ngawdu dak li jagħmilna Maltin u Għawdxin.

Insellmilkom

Lucas

# IL-PROĠETT FENEK

✍ minn Ian Falzon

Dawn l-aħħar ġimgħat ġie varat il-proġett **Fenek**.

**Għaliex il-proġett Fenek?**
Jien personalment, mexxejt u ippubblikajt diversi xogħlijiet xjentifiċi rigward il-fenek salvaġġ Malti. Iżda kien tul dawn l-aħħar snin meta din ir-riċerka bdiet tikber; bl-involviment ta' *stakeholders*, aktar riċerkaturi u voluntiera, kif ukoll is-sapport ta' entità edukattiva ewlenija f'pajjiżna, l-MCAST. Tul dawn l-aħħar snin ukoll, ħafna nies, b'mod speċjali kaċċaturi u dilettanti tar-raba', intebħu li l-fenek kien qed jonqos mill-kampanja Maltija.

Dan qanqal ħafna mistoqsijiet u interess. Għalhekk inħass il-bżonn li x-xogħol kollu li qed isir fuq din l-ispeċi jiġi ikkonsolidat taħt kappa waħda u jinħoloq punt ta' riferiment għal kull min jixtieq isir jaf aktar jew b'xi mod jinvolvi ruħu.

**X'jinvolvi dan il-proġett?**
Kif wieħed jista' jifhem, l-iskop ewlieni hu dak ta' riċerka u edukazzjoni. Iżda mhux biss. Importanti ħafna illi l-fenek jattira lejh nies minn kull qasam tal-ħajja; kemm riċerkatur kif ukoll dilettant li forsi mhux daqshekk intiż fix-xjenza. Għaliex kulħadd għandu x'joffri. Naraw kemm-il darba kif min kapaċi jagħmel xogħol ġol-laboratorju mhux neċessarjament ikollu l-esperjenza li bniedem li qatta' ħajtu fir-raba' u l-ambjent ġabar.

**X'qed isir fil-kamp tar-riċerka?**
Ir-riċerka li għaddejja bħalissa hi ibbażata fuq tliet binarji;
1) Deskrizzjoni u għarfien tal-fenek salvaġġ Malti, 2) Studju tad-distribuzzjoni u s-saħħa tal-popolazzjoni, 3) Proġett ta' tkattir u għarfien fuq il-proċess tal-istess trobbija u tkattir.

**Edukazzjoni u *Networking***
Riċerka mingħajr disseminazzjoni u edukazzjoni titlef kull skop. U hu għalhekk li l-edukazzjoni qeda fil-qalba tal-proġett tagħna. Fost l-attivitajiet li wettaqna s'issa, kien hemm; artikli ppubblikati, fosthom fuq din l-istess pubblikazzjoni tal-FKNK, *stands* fejn ilqajna viżitaturi u spjegajna għaliex l-fenek Malti hu uniku u l-importanza tiegħu, kif ukoll kellna involviment b'saħħtu mill-istudenti tal-MCAST li qed isegwu l-kors ta' BSc (Hons) *in Annimal Management and Vet nursing*. Dawn l-istudenti kellhom sehem attiv waqt awtopsji li għamilna fuq fniek li ngabru minn kaċċaturi u membri tal-pubbliku. U f'Mejju sar *workshop* dwar servejing tal-fenek salvaġġ fejn l-istudenti tal-aħħar sena żanżnu sistema ġdida li ser invaraw fil-futur u tawna *feedback* tajjeb ta' kif is-sistema tista' tirfina.

In-*networking* qiegħed għal qalbna ħafna. Importanti ħafna li kif għamilna s'issa, nibqgħu naħdmu ma' kull min jixtieq jagħti sehmu għall-ġid ta' din l-ispeċi. Sal-ġurnata tal-llum, aħna kburin li ħdimna u sibna kooperazzjoni minn firxa vasta ta' individwi u soċjetajiet, fosthom L-MCAST, kaċċaturi u membri tal-FKNK, bdiewa, l-Malta Falconers Club, Green House (NGO ambjentali Maltija) u l-Mużew Nazzjonali tal-Istorja Naturali. Nittamaw li fil-futur din il-lista tkompli titwal.

**Kif jista' wieħed isir jaf aktar dwar l-proġett Fenek?**
Jien nistieden lil kull min jixtieq jsir jaf aktar u jsegwi x-xogħol tagħna sabiex jissieħeb fil-paġna ta' Facebook tagħna; FENEK - Wild Rabbit Research Malta.

Wieħed jista' ukoll jikkuntatjana billi jibgħat email fuq Ian.Falzon@mcast.edu.mt jew fuq l-mowbajl 9920 7629.

FENEK
WILD RABBIT RESEARCH
MALTA



# EDITORJAL

Iż-żmien propju nafu li ma jistenna lil ħadd. Tant hu hekk li wasalna għal ħarġa oħra tal-pubblikazzjoni Mid-Dura. Din il-ħarġa tħaddan propju diversi temi u suġġetti li ġejjin minn sferi differenti mill-ħajja tagħna ta' kuljum. Biss huma relatati b'xi mod jew ieħor mal-prattiċi tal-kaċċa, l-insib u l-importanza biex nikkonservaw l-ambjent naturali ta' madwarna.

Il-kollaborazzjoni tal-FKNK ma' diversi entitajiet qed twassal biex naraw kontenut f'ħarġiet bħal din li jaqdu propju komunità waħda. Naraw kif bħal kif il-kontenut miġbur mill-ITS, MCAST u kif ukoll għal darba oħra mingħand l-ERA; jaqdu l-aspetti tal-edukazzjoni, il-kultura, u l-konservazzjoni jingħaqdu flimkien f'din il-ħarġa - l-istess hekk kif irridu naraw li tingħaqad il-komunità tagħna.

Irridu naraw kif il-komunikazzjoni tagħna ma tħallix lok għal opinjonijiet ta' estremiżmu li trid tabbolixxi kulturi u prattiċi mill-komunità tagħna. Ċertu deċiżjonijiet, l-istess bħal ċertu pubblikazzjonijiet ta' kontenut, għandhom ikunu bbażati fuq evidenza biex b'hekk jasal il-messaġġ xieraq u ġust. Mhux wieħed li jqarraq b'dak li jkun.

Din il-pubblikazzjoni mhux biss intenzjonata għall-membri kaċċaturi u/jew nassaba, imma lil kull min għandu għal qalbu l-ambjent naturali, il-konservazzjoni tal-ispeċi u l-abitati u kif ukoll li jagħmel użu sostenibbli minn riżorsi naturali. B'hekk inħeġġukom taqsmu din il-ħarġa mal-ħbieb u/jew membri familjari rispettivament u jkunu aktar mgħarrfa bil-verità u l-fatti.

**Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti - FKNK**
138, Triq il-Kunċizzjoni
Msida MSD 1831
FKNK
P.O. Box 26
Sliema SLM 1055
www.huntinginmalta.org.mt
info@huntinginmalta.org.mt

**Editur:**
Lucas Micallef
**Disinn:**
Ability Publications Ltd
2124 1317
**E-mail:**
abpublicationsltd@gmail.com
**Stampar:**
Gutenberg Press

**Għamel parti MID-DURA**

Jekk hemm xi suġġett partikolari relatat direttament jew le mall-kaċċa, insib, jew ambjent u tixtieq taqsam storja jew tixtieq tikteb artiklu għall-edizzjonijiet tal-pubblikazzjoni MID-DURA ġejjiena, ikteb fuq pro@huntinginmalta.org.mt

# IL-KAĊĊA - IKEL DELIZZJUŻ U BNIN

**(T-Tieni parti - jkompli mill-ħarġa preċedenti)**

**minn Lino Farrugia**

### Ingredjenti

Għall-gamiem u s-summien ikollok bżonn tal-inqas żewġ għasafar kull persuna, u għall-imlievez u l-alwett trid erba' għasafar kull persuna.
Inbid aħmar ħelu, bħall-Marsala.
Ftit ħall aħmar tajjeb.
Basla.
Erbat irjus tewm imqattgħin irqaq.
Xaħam jew żejt taż-żebbuġa għall-qali.
Bżar u melħ.

### Metodu

L-għasafar, wara li jitnittfu u jitnaddfu, għandhom jinqasmu min-nofs is-sider, u dawn, jew il-bċejjeċ tal-fenek, għandhom jiġu mmarinati għal xi ftit sigħat f'taħlita ta' nbid ħelu, ftit ħall, u basla mqattgħa.

Aqli t-tewm ġo taġen naqra għoli fuq nar moderat sakemm jieħu l-kulur, imbagħad aqli l-għasafar jew il-fenek sakemm dawn ukoll jieħdu l-kulur, wara li tkun neħħejthom mill-marinat, li m'għandekx tarmih. Żid il-bżar u l-melħ fit-taġen. Żid il-marinat u ħalli kollox itektek fuq nar bati, sakemm tara li kollox ikun sar sew.
Kull għasfur jista' jiġi servut fuq biċċa ħobż mixwija, jew preferibbilment moqlija minn naħa waħda, bis-sugu mxerred fuqha.

Metodu importanti biex ukoll jiġi assigurat li għasfur ma jixxuttax waqt it-tisjir ġol-forn hu li dan jitpoġġa b'sidru l-isfel flok kif inhi l-użanza li jitpoġġa ġod-dixx fuq daharu. B'hekk il-meraq li joħroġ mill-istess għasfur waqt is-sajran ma jintilifx għax jinżel 'l ġewwa lejn sider l-għasfur, minflok li jiżloq 'il barra meta s-sider ikun 'il fuq. Imbagħad jekk trid tbaskat is-sider tal-għasfur minħabba l-apparenza ta' dan fil-preżentazzjoni, għax kif ngħidu aħna, l-għajn l-ewwel ma tiekol, kulma jrid isir hu li l-għasfur jiddawwar fuq dahru għall-aħħar ftit tas-sajran.

Metodu sempliċi ieħor hu li tgeżwer il-kaċċa ġol-foil, m'hemmx għalfejn dan ikun issikkat anzi aħjar li tħalli naqra spazju bejn il-kaċċa u l-foil, liema foil qabel tkun dliktha fuq in-naħa ta' fejn ser imiss mal-laħam, jiġifieri n-naħa ta' ġewwa, jew biż-żejt jew bil-butir. (għal darb'oħra llum il-ġurnata wieħed forsi juża xi butir b'inqas xaħam jew bla kolesterol, allavolja ma nistax ngħid li l-effett huwa l-istess bħal dak tal-butir normali).

Bżar u melħ ma jistax jonqos qabel tagħlaq il-pakkett, u tista' żżid ukoll basla mqattgħa rqiqa u xi erbat irjus tewm. Il-pakkett imbagħad jista' jitqiegħed ġod-dixx fil-forn jew anke fost il-ħatab, meta dan ikun qabad sew u mhux waqt li jkun għadu qed jarmi n-nar, waqt xi barbikju.

Ovvjament il-ħobz frisk Malti m'għandu qatt jonqos biex jakkompanja dawn ir-riċetti. Kif ukoll ma tistax tonqos tazza nbid ħamra.



## Gallina fil-Forn

### Ingredjenti

Slice bacon u biċċa ħobż tat-toast għal kull għasfur li tkun ser tuża (gallina kull persuna).
Butir u żejt għall-qali.
Tazza nbid abjad jew preferibbilment tazza brandy.
Bżar u melħ.

### Metodu

Dawwar slice bacon ma' kull għasfur u orbot b'ħajta.
Qiegħed l-għasafar ġo dixx li jkun jitgħatta.
Agħmel ftit żejt fil-qiegħ tad-dixx u daħħal dan mgħotti ġol-forn, tliet kwarti nar, għal madwar 50 minuta.
Sadanittant, aqli l-ħobż ġol-butir u ż-żejt sakemm jieħu kulur dehbi.
Meta l-għasafar ikunu saru, neħħilhom il-bacon, u qiegħed kull għasfur fuq kull biċċa ħobż.
Ġol-butir u ż-żejt fejn tkun qlejt il-ħobż, żid l-inbid jew brandy, u kompli aqli għal ftit minuti, imbagħad ferrex din iz-zalza fuq l-għasafar.
Lumija magħsura fuq l-għasfur tgħin fil-palat meta sservi.
Din ir-riċetta tista' tintuża wkoll għall-Pluvieri.



## Gallina biz-Zalza tal-Larinġ

### Ingredjenti

Gallina għal kull persuna.
Tazza nbid abjad.
Il-qoxra u s-sugu ta' larinġa.
Żewġ imgħaref krema friska.
Żewġ imgħaref dqiq.
Bżar u melħ.

### Metodu

Poġġi l-għasafar ġo dixx tal-forn li jkun jitgħatta flimkien mal-inbid, il-qoxra u s-sugu tal-larinġa, u daħħal ġol-forn nofs nirien għal madwar 50 minuta.
Ikxef id-dixx u ħalli għal madwar 10 minuti oħra biex l-għasafar jieħdu l-kulur.
Neħħi l-għasafar mir-reċipjent u poġġihom ġol-platt li tkun se sservihom.
Ħawwad il-krema mad-dqiq ġo taġen, żid magħhom il-meraq tad-dixx fejn tkun sajjart l-għasafar, u saħħan bil-mod fuq nar bati sakemm jagħqad xi ftit.
Żid il-bżar u l-melħ.
Din iz-zalza mbagħad ifrixha fuq l-għasafar.

Xi patata u ħaxix frisk mgħolli jmorru tajjeb ma' dawn ir-riċetti.

L-inbid li nirrakkomanda għal ma' dawn ir-riċetti tal-gallina huwa Burgundy jew Rioja.

# TKABBIR TAT-TADAM, TAL-BŻAR U TAL-BRUNĠIEL B'MOD ORGANIKU (L-ewwel parti)

✍ minn Mario Joseph Salerno

Il-produtturi tal-ħxejjex organiċi għandhom jiddentifikaw ir-rotazzjoni ta' l-uċuħ l-iżjed adattati biex idaħħlu l-ispeċi tas-Solanaceae li tiġbor fiha ħafna prodotti tal-ikel bħal brunġiel, bżar, tadam, patata w'oħrajn. Fl-istess waqt il-bdiewa organiċi għandhom ikunu midħla b'xogħol agrikolu li jipprevjeni l-attakki ta' mard w insetti biex titejjeb il-kwalita tal-prodott.

Il-kriterji proposti għar-rotazzjoni tal-uċuħ u l-programm ta' fertilizzazzjoni; identifikazzjoni, prevenzjoni u kontroll ta' l-għedewwa u mard li jattakaw is-Solanaceae, li tiġbor fost ħafna ikel lokali li nkabbru f'pajjiżna.

**Fertilita` tal-ħamrija**

Kemm fl-għalqa kemm fis-serrer, hu għaqli li l-bidwi jiffertilizza l-ħamrija jew jaħrat il-wiċċ b'demel aħdar fosthom il-leguminosa qabel ma jiżra' l-wiċċ tal-biegħa. Jekk is-Solanaceae jitkabbru fir-rebbiegħa, jista' jinżera' wiċċ ta' demel aħdar, taħlita ta' xgħir u ġulbiena (130 + 30 kg/ettaru ) fl-aħħar tas-sajf għal Settembru. Fil-każ ta' wiċċ għas-sajf / ħarifa nagħmlu graminea jew brassicaceae (kromp) flimkien ma l-leguminosa (fażola / piżelli ) tista' tinżera' fl-aħħar tax-xitwa (Frar / Marżu).

Jekk fil-każ ta' wiċċ tal-ħarifa, jkun possibbli li ddaħħal wiċċ ta' demel aħdar magħmul minn leguminosa bħal Vigna sinensis waħeda jew silla tal-Eġittu jew wiċċ ta' demel aħdar wara fertilizzazzjoni ħafifa magħmula minn sorgum tas-Sudan pur, li jistgħu jinżergħu fis-saqwi saħansitra f'Ġunju. Jekk ma hemmx żmien biex tiżra' u taħrat wiċċ ta' demel aħdar, qabel ixettel il-wiċċ tal-biegħa, ikun jeħtieġ li tiffertilizza l-ħamrija b'demel immaturat jew kompost (almenu 30 tunnellata / ettaru ta' demel tal-baqar). Jekk le bħala l-aħħar għażla jista' jintuża fertiliżżant kummerċjali organiku f'pellets, imma dejjem trid titma' bil-galbu u kif hu rrakkomandat mill-esperti agrikoli.

Skont it-testijiet tal-ħamrija, huwa ppruvat li xi fertilizzanti bħal Potassium sulphate jew il-fosfati minerali jistgħu jintużaw qabel iż-żriegħ, iżda dejjem f'ammonti moderati. Il-kapaċita tal-Leguminosa li jħarrku il-fosfru li jkun hemm fil-ħamrija b'forma qajla solubbli dejjem għandu jinżamm f'moħħna. Hu li hu, qabel niddeċiedu kemm għandna bżonn fertilizzant, għandna nitolbu parir indipendenti wara li jinġabru r-riżultati tal-analiżi tal-ħamrija.

Il-qofol hu l-manteniment tal-fertilita bijoloġika tal-ħamrija, bl-iskop prinċipali li jilqa' għat-tkattir ta' għedewwa fl-uċuħ, partikolari patoġeni ta' moffa fis-sistema tal-għeruq. Għalhekk, rotazzjoni, li tinkludi speċi oħra ta' Solanaceae, Cucurbitacea (bħajjra) u frawli għandha tiġi evitata peress li dawn il-pjanti għandhom diversi għedewwa in komuni. Ir-rotazzjoni fl-għelieqi għandha tieħu kont tad-dud (Coleoptera, Elateridae), li huma sikkatura meta wieħed ikabbar il-bettiegħ u d-dulliegħ, għalkemm din il-problema mhix importanti daqs il-problemi li jhedduna bihom l-għedewwa oħra fis-sistema tal-għeruq.
L-organiżmi tal-ħamrija li jattakkaw il-familji tal-bħajra (Cucurbitaceae) u tal-patata / tadam / brunġiel / bżar (Solanaceae) jridu jingħattaw l-attenzjoni għaliex dawn iġibu telf finanzjarju għall-produtturi tal-ħxejjex. Ara t-tabella numru 2 :

Minbarra l-organiżmi li nsibu fil-ħamrija, hemm organiżmi li huma ta' ħsara għall-familja tal-patata, tadam, bżar u brunġiel li jinstabu fuq il-faxxina tal-pjanti. Dan il-mard huwa kawża ta' moffof differenti tas-Solanaceae iffavoriti minn tisqija tal-ilma tal-friefet jew ta' *Raingun*.

Dawn il-patoġeni huma murija f'tabella 1:

**Patoġeni tas-Solanaceae ffavoriti bit-tisqija tal-bexx**

| | Tadam | Bżar | Brunġiel | Patata |
|---|---|---|---|---|
| Phytophthora infestans | X | | | X |
| Cladosporium fulvum | X | | | |
| Alternaria spp | X | X | X | X |
| Batteri | X | X | X | X |

Tabella 2:-

**Organiżmi tal-ħamrija li jattakkaw il-Cucurbitaceae, Solanaceae u l-Frawli**

| | BŻAR | TADAM | BRUNĠIEL | QARA' | BETTIEGĦ | DULLIEGĦ | FRAWLI | PATATA | ĦJAR |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Fusarium species Verticillium Species | X | X | X | X | X | X | X | X | X |
| Rhizoctonia Solani | X | X | X | X | X | X | X | X | X |
| Pyrenochaeta lycopersici | X | X | X | X | X | X | | | X |
| Thielaviopsis basicola | X | X | X | X | X | X | X | | X |
| Phytophtera capsici | X | X | X | X | X | X | | X | X |
| Nematodes gen. Meloidog-yne | X | X | X | X | X | X | X | X | X |
| Elateridae Agriotes | X | X | X | X | X | X | X | X | X |

L-għażla tal-varjetajiet tiddependi fuq id-domanda tas-suq, il-klima u l-karatteristiċi tal-ħamrija u reżistenza / tolleranza għall-għedewwa u l-mard. Hi possibbli wkoll il-kultivazzjoni bix-xtieli reżistenti.

**Mard**

Tracheomycosis (tħassir tal-Fusarium u tal-Verticillium)
Dan il-mard tikkawżah il-moffa Fusarium oxysporum, Verticillium dahlia u Verticillium albo-atrum. Dawn il-patoġeni għandhom firxa wiesgħa fuq liema pjanti jgħixu u kapaċi jibqgħu ħajjin għal żmien twil fil-ħamrija. Għalhekk rotazzjoni twila ta' ħames snin ta' pjanti li mhux relatati mal-istess familja jipprevjenu l-iVarjetajiet toleranti jew reżistenti jinstabu fis-suq u dawn huma miżuri preventivi tajba waqt pjan ta' rotazzjoni tajjeb.

**Ġlata tal-bżar**

Din il-marda joħloqha l-fungus Phytophtera capsici. Hi moffa tal-ħamrija li l-attivita' tagħha hi megħjuna minn umdita għolja fil-ħamrija, waqt li t-temperatura tkun aktar minn 28 grad Celcius.

Għalkemm ma hemmx fil-preżent organiżmi benefiċċjali jew pestiċidi naturali li jikkontrollaw dan il-patoġenu, jekk natwaw rotazzjoni u pjan ta' fertilizzazzjoni tajba fosthom id-demel aħdar u tikkompostja biex inġibu bilanċ tajjeb tal-ħumus. L-isterilizzazzjoni tal-ħamrija bil-fwar tikseb riżultati tajba biex tikkontrolla l-moffof u n-nematodi. Il-fwar joqtol l-ispori tal-moffa.

Ġlata mwaħħra toħloq ukoll ħsara kbira lit-tadam u għalhekk huwa importanti li nagħtu każ li nkabbru t-tadam 'l bogħod mill-għelieqi tal-patata. Fil-familja tas-Solanaceae ma hemmx varjetajiet tolleranti / reżistenti għall-Phytophtera infestans, imma hemm biss xi varjetajiet reżistenti tal-patata.
Hemm ukoll il-moffa tal-weraq tal-bżar li hu kawżat minn CLADOSPORIUM. Dejjem għandna nevitaw li nxarrbu l-weraq u kontroll dirett permezz ta' trattamenti bir-ramm ripetuti hu effettiv biss jekk jitħaddem flimkien ma dawk il-prattiċi agronomiċi mmirati li joħolqu ambjent sfavorevoli għall-patoġeni.

**Mard tal-batteri u tal-virus**

L-iżjed speċi perikoluża huma tal-ġenera PSEUDOMONAS, XANTHOMONAS, CLAVIBACTER U ERWINIA. Dawn l-infezzjonijiet huma ffavoriti minn temperaturi moderati għoljin, umdita dejjem għolja, veġetazzjoni mxarrba u l-ġrieħi. Il-batteri jinġarru bl-ilma jew likwidi oħra u jippenetraw fil-pjanti minn ftuħ naturali u ġrieħi u brix.

Hemm varjetajiet tolleranti / reżistenti kontra dan il-mard tal-batteri, imma wkoll infezzjonijiet virali kkawżat minn bosta virusis, li jittieħdu permezz ta' diversi organiżmi:
CMV – Cucumber Mosaic Virus (jinġarr minn afidi);
TYLCV – Tomato Yellow Leaf Curl Geminivirus (jinġarr mill-whitefly Bemisia tabaci); PVY – Potato Virus Y (jinġarr minn afidi differenti fosthom l-afidu iswed Myzus persicae); AMV- Alfafa Mosaic Virus (afidi); BBWV – Broad Bean Wilt Fabavirus ; TSWY – Tomato Spotted Wilt Virus (jinġarr bit-trips); TMV – Tobacco Moaic Virus. Ma hemmx vetturi bijoloġiċi. Dan il-virus jittieħed b'kuntatt u biż-żerriegħa; ToMV – Tomato Mosaic Virus. Ma hemmx vetturi bijoloġiċi. Dan il-virus jittieħed b'kuntatt u biż-żerriegħa.

Bħala nota tajba, l-iskrins għall-insetti fis-serrer joħolqu bidla fil-mikroklima tas-serra b'tali mod li jinkoraġġixxu l-mard u l-organiżmi fitofaġi u termofili bħall-brimb, trips u d-dubbien. Barra minn dawn l-għedewwa naturali tal-organiżmi fitofaġi huma wkoll esklużi mill-wiċċ. Kollox ma kollox, aktar titlef milli tirbaħ!

Għedewwa: insetti u artropodi oħra fuq il-wiċċ tar-raba'

**Afidi**

L-afidi tal-bettiegħ, Aphis gossypii (Hemiptera, Aphididae), huma bla dubju l-agħar afidi tal-brunġiel u tal-bżar. Għandhom rata ta' riproduzzjoni ogħla minn tal-għedewwa naturali tagħhom u diversi popolazzjonijiet minnhom żviluppaw reżistenza għall-insettiċidi naturali u sintetiċi.

Din hi r-raġuni għaliex l-iżjed sistema effettiva ta' kontroll hi dik bijoloġika, basta titħaddem fil-pront b'numru kbir ta'benefiċċji. Monitoraġġ tajjeb hu essenzjali.

Afidi oħra bħall-Myzus persicae, Macrosiphum eurphorbiae u Aularcorthum solani rari joħolqu problemi fl-uċuħ organiċi. Xi kultant ikollhom jittieħdu miżuri ta' kontroll għall-bżar u l-brunġiel. Meta jkun meħtieġ jkun biżżejjed li jsiru trattamenti lokalizzat ta' PYRETHRUM biex titnaqqas ir-rata ta' riproduzzjoni fil-popolazzjoni tal-afidi.

B'dan il-mod l-għedewwa naturali (predaturi u parassistoidi) jkunu jistgħu iżommu l-afidi fuq livelli ekonomikament tollerabli.

**Brimba taż-żewġ tikki, Tetranychus urticae (Acarina, Tetranychidae)**

Din hi problema l-iżjed għall-brunġiel protett u l-bżar. Tiġi kkontrollata tajjeb fir-rebbiegħa u fil-ħarifa bir-rilaxx ripetut (jew preventiv jew kuratti) tal-brimba predatriċi Phytoseiulus persmilis (Acarina, Phytoseiidae).

ikompli fil-ħarġa li jmiss...

# IL-FKNK TNIEDI PETIZZJONI EWROPEA BIT-TEMA: "NIDDEFENDU L-WIRT KULTURALI TAGĦNA"

Il-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) indirizzat Konferenza Stampa permezz ta' liema, u flimkien ma 37 għaqda simili oħra minn daqstant pajjiżi Ewropej fi ħdan il-FACE (Federazzjoni Ewropea għall-Kaċċa u Konservazzjoni), nehdiet il-Kampanja lokali għall-ġbir ta' Petizzjoni bit-tema: "NIDDEFENDU L-WIRT KULTURALI TAGĦNA".

Waqt id-diskors tal-ftuħ, il-President tal-FKNK, is-Sur Lucas Micallef, spjega kif l-istituzzjonijiet Ewropej, b'mod partikolari, il-Kummissjoni Ewropea (KE) għandhom jifhmu bis-sħiħ li d-drawwiet u t-tradizzjonijiet Maltin, inkluż il-kaċċa u l-insib, huma parti integrali mid-diversità kulturali Ewropea u għodod vitali għall-konservazzjoni tal-ambjent naturali u l-benessri soċjali. "Bħalissa naraw wisq problemi bla bżonn; hu għalhekk li FACE u l-FKNK nedew din il-Kampanja biex il-bidla sseħħ." Il-President kompla jgħid li Il-Kampanja hija b'reazzjoni għan-numru dejjem jikber ta' problemi għas-7,000,000 kaċċatur tal-Ewropa li ġejjin minn Brussell, minn fejn joħorġu 80% tar-regoli u r-regolamenti li jaffettwaw il-kaċċa u l-konservazzjoni, u żid, li l-probabbilita' hija li daqstant regoli u regolamenti li jaffettwaw kull settur, passjoni, delizzju, u oħrajn, ukoll joħorġu minn Brussell.

Il-President, filwaqt li appella biex kulħadd jiffirma l-Petizzjoni, għalaq l-indirizz tiegħu billi qal li l-FKNK trid tassigura li dak li qiegħed jiġri lill-kaċċa u l-insib, ma sseħħx ukoll fuq attivitajiet u prattiki oħra li jħaddnu tradizzjonijiet, kultura, wirt, arti u l-identita' tagħna l-Maltin u Għawdxin.

Wara l-indirizz tal-President, il-Kap Eżekuttiv tal-FKNK u Viċi President tal-Mediterran tal-FACE, is-Sur Lino Farrugia, spjega l-mezzi disponibbli għal ġbir tal-firem, jiġifieri jew online permezz tal-website jew il-QR Code, jew inkella manwali fuq il-formoli adekwati li l-FKNK se tqassam madwar il-gżejjer Maltin. Is-Sur Farrugia kompla billi qal li l-Kampanja tal-ġbir tal-firem, madwar l-Ewropa kollha, se tibqa sejra sitt xhur, sakemm f'Ottubru 2022 il-FACE se tippreżenta l-Petizzjoni fil-Parlament ġo Brussell.

"Kif fl-2015 l-FKNK mexxiet b'suċċess il-Kampanja tar-Referendu Abbrogattiv, ukoll f'isem il-minoranzi, hekk ser terġa tagħmel l-FKNK fit-tmexxija ta' din il-Kampanja tal-Petizzjoni, iva primarjament f'isem il-kaċċaturi u n-nassaba Maltin u Għawdxin, pero mhux biss. Għalhekk, il-Petizzjoni jista jiffirma kulħadd minn 16 il-sena l-fuq. Mhux biss il-kaċċaturi u n-nassaba u l-familji u l- ħbieb, imma kull min b'xi mod irid iwassal messaġġ lill-KE għax iħossu mdejjaq b'xi liġi li timponi l-istess KE."

Lino Farrugia għalaq l-indirizz tiegħu billi ħeġġeġ lill-kulħadd jiffirma din il-Petizzjoni issa, sabiex jasal messaġġ ċar u b'saħħtu lill-KE sabiex tirrikonoxxi l-kontribut importanti ta' kull settur konċernat, inkluż tal-kaċċaturi u n-nassaba, u taħdem magħhom, u mhux kontrijhom, għall-konservazzjoni u l-bijodiversita' tal-ambjent naturali, s-soċjeta', l-ekonomija u l-wirt kulturali tal-Ewropa kollha.













# JINTERESSAK TKOMPLI TISTUDJA FUQ L-AMBJENT, IS-SOSTENIBBILTA' AMBJENTALI JEW XI SETTUR TAL-AGRIBUSINESS BĦALL-AGRIKOLTURA, AKWAKULTURA/SAJD JEW IL-KURA TAL-ANNIMALI?





L-Istitut tax-Xjenzi Applikati fi ħdan l-MCAST joffri diversi programmi ta' studju fuq dawn is-suġġetti u fl-livelli differenti. Hemm programmi *full-time* kif ukoll oħrajn fuq bażi *part-time*. Il-programmi *part-time* jistgħu jwassluk għall-diversi livelli kif indikat aktar 'l isfel f'dan l-artiklu.

Xi wħud jistgħu iwassluk ukoll għall-livell ta' Kwalifika f'wieħed minn dawn l-oqsma.

Ħa naghtu ħarsa ħafifa fuq xi wħud mil-programmi *full-time* li jiġu offruti fl-istitut tax-xjenzi applikati fi ħdan l-MCAST relatati mal-ambjent mil— livell 4 ' l fuq:

**1. Advanced Diploma in Environmental Sustainability**
Dan il-programm iwassal l-istudent biex ikun jista' jsib xogħol bħala *Project Manager* Tekniku, *Environmental Technologist* jew Analista Ambjentali.

**2. Bachelor of Science (Hons) Degree in Environmental Science and Sustainable Technologies**
Gradwati ta' dan il-programm jistgħu jsibu xogħol bħala *Water Project Manager, Alternative Energy Manager*, xogħol fl-*Environmental Sales* kif ukoll xogħol mar-regolatur ambjentali.

Fis-settur agrikolu imbagħad l-istitut joffri dawn il-programmi:

**1. Advanced Diploma in Animal Management and Veterinary Nursing**
Dan il-kors iwassal għal xogħolijiet ta' *Veterinary Assistant, Veterinary nursing assistant, Farm operator* kif ukoll *animal sanctuary warden.*

**2. Advanced Diploma in Fish Management**
Min jiffinalizza dan il-kors jista' jaħdem bħala *Fish farm inspector,* Tekniku fil-qasam tal-akwakultura, Manager fil-qasam tal-*hatchery* tal-ħut jew tekniku fuq il-*maintenance* tal-akwarji.

**3. Advanced Diploma in Horticulture**
Opportunitajiet ta' xogħol wara dan il-programm jinkludu H*orticulture inspector, Garden design assistant, vegetable/fruit grower* jew *Rural Development operator.*

**4. Bachelor of Science (Hons) in Animal Management and Veterinary Nursing**
Gradwati minn din id-degree jaħdmu bħala Manager fi klinika tal-annimali, uffiċjal fi ħdan id-dipartiment tal-ħarsien tal-annimali. Jista' jilħaq ukoll *nutritional advisor* tal-annimali.

**5. Bachelor of Science (Hons) in Horticulture**
Opportunatijiet wara dan il-programm huma varji u jinkludu dawk ta' *landscaper* professjonali; *garden designer*, professjonista għall-konsultazzjoni dwar il-biedja, kif ukoll *EU/national regulatory officer.*

**6. Bachelor of Science (Hons) in Fish Management**
Gradwati minn din id-degree jgawdu minn diversi opportunitajiet fis-settur tal-akwakultura u tas-sajd.

Il-programmi msemmija hawn fuq kollha għandhom element teoretiku u prattiku. L-istudenti kollha jingħataw esperjenza ta' xogħol f'forma ta' *work placement* jew *internship* ħalli jkunu jistgħu jesperjenzaw xi tfisser taħdem f'dan is-settur. I-Istitut għandu relazzjonijiet tajba ma ħafna entitajiet li jgħinu bi sħiħ lill-istudent u jagħtuhom l-esperjenzi meħtieġa. Hemm ukoll *fieldworks* u diversi *site visits* f'kull kors.

Dawn il-programmi u oħrajn bħalhom jerġgħu jibdew f'Ottubru li jmiss pero l-applikazzjonijiet jibdew jiġu aċċettati minn Lulju.

Wieħed jista' jiġbor iktar tagħrif fuq dawn il-programmi u oħrajn fuq il-Prospett tal-Programmi tal-MCAST fuq is-sit www.mcast.edu.mt jew iċempel fuq 2398 7832 jew jibgħat email fuq: ias@mcast.edu.mt.

Apparti minn dawn jingħataw diversi programmi fuq bażi *part-time.*

Għall-iktar dettalji nissuġġerixxu li tikkuntattjaw l-Istitut għax-Xjenzi Applikati.

# IL-WIRJA TAL-KLIEB TAL-KAĊĊA TA' MALTA U TAL-KLIEB TAL-FENEK TAL-FKNK

Wara nuqqas ta' sentejn minħabba l-pandemija, f'lejliet il-Festa tal-Imnarja u għal wieħed u għoxrin sena, l-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) reġgħet organizżat b'suċċess il-Wirja tal-Klieb tal-Kaċċa ta' Malta u tal-Klieb tal-Fenek ġewwa l-Buskett.

Il-Wirja saret b'kollaborazzjoni tal-Klabb tal-Kelb tal-Kaċċa ta' Malta fi ħdan l-istess FKNK u l-premijiet kienu sponsorjati mid-ditta Borg Cardona Co. Ltd.

Bħala ġudikant, u fuq stedina taċ-Chairman tal-Klabb tal-Kelb tal-Kaċċa ta' Malta, Dr James Galea, il-FKNK ikkummissjonati lit-Taljan, is-Sur Gianni Guffanti li għandu esperjenza speċjalizata vasta fix-xena internazzjonali bħala ġudikant fuq ir-razzez tal-klieb tal-kaċċa, dawk magħrufa bl-Ingliż 'gun dogs'.

Fil-ġejjini qarib, is-Sur Guffanti ser jelabora u jikkontribwixxi aktar dettalji għal li 'standard' tal-Kelb tal-Kaċċa ta' Malta. B'hekk ir-razza tkun ukoll endorsjata minn persuna professjonali u jkun aktar assigurat ir-rikonoxximent fuq skala internazzjonali l-Kelb tal-Kaċċa ta' Malta.




Ir-rebbieħa fil-Kategoriji rispettivi kienu s-segwenti:-

**Klieb tal-Fenek**

| 'Placings' | Ġriewi | Irġiel Adulti | Nisa Adulti | 'Best of Breed' |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Olly - Alexander Lazarevic | Ninu - Walter Ellul Bonnici | Stilla - Jesmond Farrugia | Stilla - Jesmond Farrugia |
| 2 | Bonny - Maria Seguna | Rusty - Walter Ellul Bonnici | Ramla - Walter Ellul Bonnici | |
| 3 | | Ċikku - Joe Muscat | Tina - Alena Larmaliuk | |

**Klieb tal-Kaċċa ta' Malta**

| 'Placings' | Ġriewi | Irġiel Adulti | Nisa Adulti | 'Best of Breed' | 'Best in Show' |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Luna - Jurgen Cassar | Oscar - Paul Damato | Ċikka - Salvu Galea | Ċikka - Salvu Galea | Ċikka - Salvu Galea |
| 2 | Chloe - Owen Grixti | Puddy - Salvu Galea | Żakka - James Micallef | | |
| 3 | Alieyah Bonanno | Ziggy - Salvu Galea | Kimba - Arianna Borg | | |







# NATURA 2000

Natura 2000 hija l-akbar netwerk ta' siti protetti fid-dinja. In-netwerk jkopri aktar minn 18% tal-art tal-Unjoni Ewropea u aktar minn 8% tat-territorju tal-baħar tagħha. Illum, fi kliem ieħor, insibu madwar 27,000 sit ta' Natura 2000 mifruxa madwar is-27 pajjiż tal-Unjoni Ewropea (UE). L-għan prinċipali tas-siti Natura 2000 hu li joffri kenn għal speċi u ambjenti naturali rari u mhedda tal-Ewropa li huma elenkati kemm taħt l-hekk imsejħa *Habitats* u *Birds Directives*, id-Direttivi tal-UE dwar il-Konservazzjoni ta' Ambjenti Naturali u ta' Fawna u Flora Selvaġġi.

Bħala Stat membru, Malta ddikjarat bosta siti lokali bħala Żoni Speċjali ta' Konservazzjoni u/jew Żoni ta' Ħarsien Speċjali. Illum, 13.8% (43.6km$^2$) tal-art u 35.5% (4,138km$^2$) tal-ibħra tagħna huma parti min-netwerk Natura 2000. Dan ifisser li Malta għandha total ta' 55 sit Natura 2000 madwar il-gżejjer kollha, 37 fuq l-art, u 18 oħra fil-baħar. Permezz ta' proġett kofinanzjat mill-UE tfasslu pjanijiet ta' mmaniġġjar u miżuri ta' konservazjoni tas-siti tal-art kollha ta' Natura 2000 madwar il-Gżejjer Maltin.

Is-siti Natura 2000 jinkludu kemm ambjenti rari bħalma huma l-għaram tar-ramel (sand dunes, bħal li għandna fir-Ramla tat-Torri u r-Ramla f'Għawdex), bwar salmastri (marshlands, bħal tal-Ballut ta' Marsaxlokk) u boskijiet tal-ballut (holm oak woodlands). Fil-fatt, wieħed mis-siti tal-art ta' Natura 2000 huwa Il-Ballut tal-Wardija, li jinsab fin-naħa ta' fuq tal-gżira ta' Malta fil-limiti ta' San Pawl il-Baħar. Bħalma jimplika l-isem innifsu, f'dan is-sit insibu siġar xjuħ ħafna tal-ballut fost siġar oħrajn bħaż-żnuber, l-alaternu, il-ħarrub u ż-żebbuġ. Wied il-Miżieb (ftit 'il fuq mill-Miżieb innifsu) hu eżempju importanti ieħor ta' sit Natura 2000 fejn wieħed isib ambjent masġar kemxejn rari: fih hemm l-akbar popolazzjoni tas-siġra nazzjonali, l-għargħar.

Imma n-netwerk fih ukoll ambjenti li ħafna drabi neħduhom 'for granted': bħax-xagħri; iż-żrieżaq tat-tafal; l-isteppa; il-makkja; l-irdumijiet u s-sisien; u l-ambjenti tal-baħar. Pereżempju, fl-Aħrax, fil-punent ta' Malta, u f'Kemmuna wieħed isib ukoll ambjenti naturali uniċi għall-Gżejjer Maltin: dawn jinkludu ambjent magħruf bħala l-frigana, tip ta' xagħri li jinstab biss fil-gżejjer tagħna fid-dinja. F'dan insibu arbuxxelli tajba ħafna għad-dakkara u l-apikultura (bħan-naħal), l-aktar minħabba numru kbir ta' pjanti mill-familja tas-sagħtar. Imma hawn insibu wkoll arbuxxelli bħall-ħatba s-sewda u t-tengħud tax-xagħri, li huma endemiċi u magħrufa minn hawn biss fid-dinja! F'dan it-tip ta' xagħri nsibu wkoll ħafna xtieli tal-fjuri uniċi, bħall-Orkida Piramidali ta' Malta, iż-żagħfran tal-blat u l-brimba s-sewda, li huma tlett pjanti tal-basal protetti li huma magħrufa biss minn Malta u Għawdex fid-dinja, kif ukoll l-għansar l-ikħal, li magħruf minn Malta u Sqallija (fejn hu rari ħafna) biss. Dan l-ambjent importanti wkoll għall-annimali, fosthom bosta għasafar żgħir u rettili, bħall-gremxula ta' Malta (din unika għall-gżejjer tagħna wkoll) jew is-serp l-aħdar, li huwa magħruf biss minn Malta fl-Ewropa. Dan it-tip ix-xagħri huwa wkoll importanti għal tipi differenti ta' bebbux u għakrux, bħad-dussies u ż-żugrag: dawn huma uniċi għalina wkoll!

## ✍ minn l

L-irdumijiet u s-s
ta' Malta bejn ir-F
dawk madwar Ke
Ta' Ċenċ) u l-ġże
bħall-għasfur naz
u ċ-ċiefa u xi kan
F'dawn l-inħawi n
(uniċi għal Malt
nazzjonali); il-bja
it-tulliera ta' Mal
ż-żigland ta' Għav

Dwar l-isteppa, i
min jaf l-għandna
li tinstab f'Malta
hija wkoll unika
kollha speċi oħra
xi siġar bħall-ħar
fadal biss post w
ħafna. Il-ġummar
tal-Aħrax sparixx
bħad-difla, l-imb
iż-żabrikott u fon
naturali fis-selvaġ
flimkien fuq il-pr
imfassal u implim

Apparti n-Natura
sit ta' Natura 200
iż-żoni ġew iddik
huma jħaddnu. F
għall-fkieren tal-
Malta (li huwa
biss), u numru t
il-garnija u ċ-ċief
tal-alka, is-sikek
għandna ambjent
ta' annimali u pja
saħansitra instabu
nafu bihom u għe

L-għan tal-Awtor
li tħares is-siti ta'
lin-nies dwar l-in
jistgħu jgħinu fil
tisħaq sabiex in-n
f'attivitajiet li jħ
tal-pjanti u s-s
jirrapportaw pjan
magħhom perme
inkunu qed ngħ
naturali tagħna.

## inn Darrin Stevens ERA

et u s-sisien li jinsabu fin-naħat t'isfel u tal-punent bejn ir-Ramla taċ-Ċirkewwa u l-Ponta ta' Benghisa, u war Kemmuna, Għawdex (mill-inħawi tad-Dwejra sa u l-gżejjer iż-żgħar huma refuġju ta' bosta għasafar, fur nazzjonali ta' Malta, il-merill, kif ukoll il-garnija xi kanġu (għalkemm dan aktar frekwenti fuq Filfla). nħawi nsibu wkoll diversi speċi protetti rari u endemiċi al Malta) bħalma huma widnet il-baħar (il-pjanta ); il-bjanka tal-irdum; is-sempreviva ta' Għawdex; ta' Malta (li kienet tidher fuq il-munita tal-50ċ); u a' Għawdex.

teppa, iż-żrieraq tat-tafal u l-makkja, kemm hawn għandna tip ta' pjanta magħrufa bħala lsien l-għasfur f'Malta biss fid-dinja? Jew li l-ferla l-komuni tagħna unika u endemika – dawk tal-pajjiżi ta' madwarna ċi oħra li mhux bħal tagħna. Jew inkella, filwaqt li ħall-ħarrub u d-deru mhux rari, ix-xumakk tal-konz post wieħed? Il-fula tal-klieb u l-lanġas selvaġġ rari ummar, li hi palma indiġena li kienet tikber fix-xagħri sparixxiet mis-selvaġġ kważi għal kollox, filwaqt siġar , l-imbragla, il-meruna, l-efedra, is-siġar ta' Ġuda, tt u fomm il-lipp jidher li ma fadalx popolazzjonijiet s-selvaġġ. F'dan il-kuntest, nieħdu gost li se naħdmu uq il-proġett Kattar fejn l-ERA se tiffinanzja l-proġett implimentat mill-FKNK u l-ACT.

-Natura 2000 tal-art, tajjeb ma ninsewx li 18 mill-55 ura 2000 f'Malta huma żoni protetti fil-baħar. Dawn w iddikjarati minħabba l-ispeċi u ambjenti naturali li ldnu. Fil-fatt, dawn jinkludu mkejjen ta' importanza en tal-baħar; għal baleni u dniefel; il-gibbula ta' huwa tip ta' bebbuxu magħruf mill-ibħra Maltin umru ta' għasafar tal-baħar (bħall-kanġu ta' Filfla, u ċ-ċiefa); kif ukoll ambjenti naturali bħall-mergħat -sikek u għerien tal-baħar. Ta' min jgħid illi fil-fond mbjenti li għadhom fi stat tajjeb ħafna, b'varjetà kbira ali u pjanti. Permezz ta' studju ko-finanzjat mill-UE, instabu sikek bi qroll abjad u sponoż li ma konnhiex n u għerien f'fond kbir ta' madwar 1,000m.

-Awtorita għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) mhux biss -siti ta' Natura 2000, iżda wkoll li tgħarraf u tinforma war l-importanza ta' dawn is-siti u kif in-nies stess hinu fil-ħarsien tagħhom. Huwa għalhekk li l-ERA iex in-nies jirrispettaw il-liġi, jgħinu u jipparteċipaw et li jħarsu l-ambjent, u jgħinu wkoll għat-tkattir u s-siġar tagħna, u jaħdmu mal-ERA sabiex aw pjanti u annimali rari jew speċi aljeni li jiltaqgħu permezz ta' apps ġodda li qed jitfasslu, biex b'hekk ed ngħinu nħarsu l-ambjenti naturali u l-ġawhar għna.





# FEJN GĦEB IR-REDUS?

minn Darryl Grech Breeds of Origin Conservancy

Kaġun tal-eventwali bidla taż-żminijiet, huma ftit dawk fostna li llum il-ġurnata huma midħla jew wirtu l-għarfien li fil-gżejjer tagħna, minkejja l-limitazzjonijiet taċ-ċkunija tagħhom, xorta waħda huma mgħammra b'numru ta' riżorsi ta' bijodiversità li huma uniċi fid-dinja. Fost dawn il-ħlejjaq insibu numru ta' bhejjem ta' razza indiġena, li kif jgħid tajjeb il-Malti, "jiswew mitqlu deheb!"

Mawra fl-imgħoddi, maħluqa faċilment b'ħarsa lejn r-ritratti tal-passat, li jagħtuk togħma tal-ħajja ta' dak iż-żmien, fost it-tifkiriet minsija, donnhom surreali, ta' sbuħija, ta' ħajja sempliċi iżda hienja, u xenarju verġni, hekk murija f'dawn ir-rikordji, wieħed faċli jilmaħ ukoll bosta merħliet ta' mogħoż. Kull ritratt jgħid storja, u apparti li jqanqlu tifkiriet u nostalġija, dawn il-memorji jkomplu jsostnu li l-mogħża Maltija tassew iżżewwaq u tagħmel parti kbira mill-wirt tradizzjonali ta' pajjiżna.

Tibqa' stampata ġol-imħuħ, dik ix-xena raħlija, mimlija ħajja tipikament Maltija, unika u pittoreska ta' ċorma mdaqqsa ta' mogħoż, imżewqa għamliet, tbajja' u lwien, għaddejja minn ġo dawk it-toroq dojoq kwieti ta' bosta bliet u rħula, bir-ragħaj ilebbet warajhom hekk kif dlonk jaqbad iħaffef il-pass sabiex b'damma ta' kliem jidderieġi l-merħla tiegħu bla waqfien. Dan bil-għan li jassigura nuqqas ta' tilwim mal-popolin li spiss kien ikun il-kaġun ta' tixlif mal-awtoritajiet, għaliex "fejn tqarram il-mogħża jisħet" peress li għal din il-kreatura kurjuża u stinata, meta fil-libertà li timraħ, kollox jgħodd għal taħt snienha!

Malli kienet tfeġġ fil-bieb, b'bott f'idha, miżmum mill-widna, dik il-mara bieżla dejjem medhija bix-xogħol ta' darha, li minħabba t-tali ħidma rari tixref mill-bieb 'il barra, minnufih ir-ragħaj, imgeżwer fi lbies mhux ta' rtokk iżda ġeneralment b'kabozza, terħa u beritta, kien ikun ġa laħaq tefa' fil-mira mill-bosta, mogħża qandlija, mgħobbija ħalib u xiklija b'kobor driegħha jitbandal hi u miexja, sabiex tinħaleb ħdejn l-għatba tal-bieb.

Hekk kif ir-ragħaj jersaq qrib il-magħżula tiegħu, minn fommu kien isawwar dawk il-ftit kliem, "ejja belqa ħi, ejja ħa," b'reqqa ta' ton assertiv iżda ġentili u donnu sentimetali, li jserraħ, tant li kien għaraf iqanqal reazzjoni u jikkalma lil din il-bhima minnufih. Il-mogħża wkoll bħal donnha tinganna li mdaħħla fi speċi ta' djalogu ma' sidha, turi li lesta taċċetta għemilu u s-seħer tiegħu fuqha billi "tinbee" lejh hekk kif tintebaħ li riesaq qribha. Bla tbatija ta' xejn kien ikompli billi jbaxxi lejha u jżommha mill-ħannieqa li kienet tkun imlibbsa madwar għonqha, għaliex il-mogħża Maltija naturalment hija fartasa u mhux qarna.

Ir-ragħaj, b'xeħta ta' bniedem mimli ħila għaliex xogħlu jagħmlu bl-akbar reqqa, bil-galbu kien jinżel baxxut kokka wara l-mogħża, imattar idejh u b'sebgħu jofroq u jwarrab minn nofs il-pil twil mgħammra bih din il-bhima tal-ħalib, b'hekk imsejħa midliela. Dan sabiex jikxef sew drieghha biex jilmaħ u jaħkem f'idejh beżżula. Fil-bott lest imħejji poġġut fl-art kien jibda jgeżgeż il-ħalib sakemm geżż wara geżż, taħt ħarset ix-xerrejja, ifawru sa ruħ ommu bil-ħalib u mhux ragħwa! Mezz tassew effiċjenti li kien iwassal ħalib frisk fid-djar minnufih.

Din il-bhima indiġena, barra li sawret it-tradizzjonijiet u l-għejxien ta' missirijietna, hija riflessjoni u parti mill-identità nazzjonali tagħna, u dan għaliex l-għagħna ta' din ir-razza, imnissla mil-Lvant Nofsani, hija frott il-qilla li wriet fil-konfront tal-bidliet li kellha tgħaddi minnhom sabiex irnexxielha tfendi u tgħix fiċ-ċirkostanzi ta' pajjiżna u taddatta għall-kundizzjonijiet kemxejn kiefra tal-gżejjer tagħna.

Għalkemm sajmin mit-tagħrif, jekk ngħarblu ftit l-istorja ta' pajjiżna, faċli nintebħu li l-mogħża Maltija minn dejjem kellha post ċentrali fl-għejxien tagħna. Bix-xieraq l-għożża kbira mħaddna b'għeruq sodi mal-antenati tagħna! Kienu huma li għarfu għażlu bl-iżjed għaqal dawk il-bhejjem għan-nisel biex itejbu din ir-razza. Saħansitra miklem ir-raħħal, bl-għażla tal-kliem u l-espressjonijiet faħhara mitqala minnu, jikxfu l-għożża midfuna f'qalbu u jenfasizzaw il-passjoni li jxaqilbu lejn ir-romantiċiżmu li huwa għandu marbut lejn din il-bhima.

Ġara iżda li fost il-kulturi li saltnu fuq il-poplu Malti tul is-sekli, taħt il-ħakma dewwiema tal-Imperu Ingliż, ġie influwenzat bil-kbir is-sinifikat storiku u kulturali tal-mogħża Maltija f'pajjiżna. Dawn ta' l-aħħar stqarrew li riedu li Malta tibda titqies bħala waħda progressiva u l-azzjonijiet tagħhom saru iktar ristretti u ordinati. Biex jaħarbu minn din id-dinja mwaħħla fiż-żmien għal waħda moderna, bdew billi dawru ħarsithom lejn il-mogħża, li dejjem stkerrhu għaliex f'għajnejhom kienet meqjusa bħima tal-fqir u li tħammeġ it-toroq bir-redus!

Fil-bidu tas-seklu għoxrin, il-mogħża Maltija ġiet ippreżentata bħala l-kaġun ewlieni tad-deni rqiq u b'hekk tnedew u ġew imħeġġa numru ta' miżuri mill-awtoritajiet li wasslu sabiex tnaqqset drastikament il-popolazzjoni ta' din il-bhima. Dan il-preġudizzju għadha ssofri minnu sal-ġurnata tal-lum. F'dan l-imsemmi perjodu, gzuz ta' mogħoż sfaw vittma ta' tpartit ma' bhejjem impurtati ta' laħam il-fart jew qatla.

Spiċċat f'qagħda mwiegħra tassew is-sitwazzjoni fit-Tieni Gwerra Dinjija. F'medda ta' ftit snin ingħatat l-ordni li jinqatlu eluf ta' mogħoż sabiex jitrejjaq il-poplu fl-eqqel ta' din il-gwerra. Kompliet tgħakkset il-popolazzjoni mal-kisba u l-miġja ta' bdabad Ingliżi tar-razza "Sanaan" fi xtutna. It-tgħammir bla rażan b'dawn il-bdabad ġie mħeġġeġ bil-ħsieb li fi żmien qasir terġa' tissaħħaħ il-popolazzjoni u titjieb fil-produzzjoni. Akkawża ta' din it-taħlita u t'oħrajn tul is-snin, tħallat id-demm tal-maġġorparti tal-popolazzjoni tar-razza indiġena Maltija darba għal dejjem.

Dawn il-fatturi wasslu sabiex il-popolazzjoni tal-mogħża indiġena Maltija hija mhedda. Sfortunatament, lest għaliha reġa' għandha l-għawġ iħabbat biebha u dan minħabba l-għoli mhux mistenni tal-prezz tal-ġwież! Hu ferm meħtieġ li r-riċerka u l-ħidma ta' konservazzjoni ma tiqafx, sabiex nevitaw li din ir-razza ta' nisel pajjiżna ma tinqeridx darba għal dejjem!



# IL-VANTAĠĠI TA' TRASMITTATURI BIS-SATELLITA FUQ IL-*BIRD-RINGING*

minn Lino Farrugia

Is-Sur Alessandro Tedeschi, ornitologu Taljan b'ħiliet personali u professjonaliżmu fl-ipprogrammar, l-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-attivitajiet kollha fuq il-post u fl-analiżi tad-dejta, kiseb snin ta esperjenza fl-ottimizzazzjoni tal-proċessi tal-immaniġġjar u t-tagħmir ta' għasafar salvaġġi, b'mod partikolari l-qbid u tagħmir ta' għasafar għall-monitoraġġ bis-satellita. Ix-xewqa tas-Sur Tedeschi li jwettaq proġett ta' riċerka mmirat lejn l-istudju tal-fenoloġija tal-migrazzjoni tal-gallini jmur lura għall-2001. Bejn tentattivi tanġibbli u diffikultajiet, fl-2011 il-possibbiltà konkreta ta' realizzazzjoni saret realtà, grazzi għas-sinerġija maħluqa bejn l-Assoċjazzjoni tal-Ħbieb ta' Scolopax (li jirrappreżenta s-Sur Tedeschi), id-Dipartiment tal-Bijoloġija tal-Università ta' Padova u l-Kumpanija tar-Reġjun Veneto - Agrikoltura tal-Veneto, u l-kollaborazzjoni tal-Federazzjoni Taljana tal-Kaċċa. L-għanijiet ta' l-aħħar proġett ta' studju tiegħu msejjaħ "Scolopax Overland" huma segwiti u għadhom qegħdin jintlaħqu grazzi għall-74 gallina mgħammra bit-trasmittaturi u 68 migrazzjoni mmonitorjati f'9 snin ta' attività mingħajr interruzzjoni.

Is-Sur Tedeschi ġie mistieden Malta mill-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) f'Mejju 2021 meta waqt konferenza li nkludiet dimostrazzjonijiet prattiċi, ndirizza numru ta' Uffiċjali u Membri tal-Kunsill tal-FKNK, u wera l-mezz professjonali kif għandha tkun mgħammra bit-trasmittatur il-gamiem għal traċċar u monitoraġġ eventwali wara r-rilaxx tal-għasafar. Għalhekk, 8 gamiemiet kienu mgħammra bit-trasmittaturi u rilaxxati fit-23 ta' Mejju 2021 bħala parti ta' riċerka ulterjuri, peress li l-gamiem kollha rilaxxati huma mgħammra wkoll b'ċrieki adegwati tal-FKNK, tal-Proġett imniedi fl-2017 tal-FKNK: "Turtle Doves - Captive Breeding and Release". Bejn Ġunju u Lulju 2021 il-FKNK irrilaxxat 4 gamiemiet oħra li kienu wkoll mgħammra bit-trasmittaturi.

Dawn it-Trasmettituri tat-Traċċar bis-Satellita jiżnu biss 5 grammi u l-batterija tiġi ċċarġjata mill-pannell solari ċkejken tagħha. Din is-sistema hija definittivament il-mod modern 'il quddiem biex tiġi rintraċċata l-migrazzjoni ta' l-għasafar billi jistgħu jipprovdu l-imġieba u l-movimenti eżatti ta' l-għasafar; veloċità tat-titjira; l-altitudni tat-titjira u l-post; it-temperatura tal-għasfur u l-post; minbarra informazzjoni utli oħra. Dettalji li huma nieqsa fil-"Bird-Ringing".

L-iżvantaġġ ewlieni ta' dan l-apparat tal-GPS huwa l-ispiża għolja tagħhom, meta mqabbla mal-frazzjoni żgħira tal-ispiża taċ-ċrieket, u li s'issa l-apparati li jistgħu jintużaw fuq għasafar żgħar, daqs għasfur tal-għana u simili, għadhom ma ġewx żviluppati. Għaxra mill-apparat li użat il-FKNK jiswew ftit iktar minn €1200 kull wieħed, filwaqt li t-tnejn l-oħra jiswew €3500 kull wieħed. B'xorti tajba, permezz tal-intervent tal-Onorevoli Ministru Silvio Schembri, il-FKNK ingħataw *sponsor* biex inxtraw l-ewwel tmien trasmittaturi.

Il-FKNK dalwaqt ser tippubblika l-ewwel rapport perjodiku dwar din il-parti ta' riċerka ta' dan il-proġett. Ir-riżultati għandhom juru evidenza aktar konkreta dwar il-pajjiżi hekk imsejħa "reference populations" tal-gamiem, jiġifieri, il-pajjiżi fejn hemm il-popolazzjonijiet tal-gamiem li jpassi fil-gżejjer Maltin.

Bħala parti mill-*lectures* tiegħu lill-Uffiċjali u l-Membri tal-Kunsill tal-FKNK, is-Sur Tedeschi spjega l-vantaġġi ċari tat-trasmettituri bis-satellita fuq il-"Bird-ringing". Bil-permess ġentili tas-Sur Tedeschi qed nirriproduċu hawn taħt sezzjoni tal-preżentazzjoni tal-*power point* tiegħu (maqluba bil-Malti) li permezz tagħha wera dawn il-vantaġġi.

## IR-RIĊERKA L-BIERAĦ



## IR-RIĊERKA ILLUM









# SOMMARJU TA' AĦBARIJIET TA' DAWN L-AĦĦAR XHUR U ĠIMGĦAT…

### TITĦABBAR IT-TELFA TA' EX-MEMBRU TAL-KUNSILL TAL-FKNK RAYMOND CORDINA

Fil-jum tal-ftuħ tal-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa, il-Kunsill tal-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) tilfet għal għarrieda ta' eks kollega u ħabib tal-Kunsill, Raymond Cordina.

Raymond li serva għal bosta snin bħala l-espert dwar l-insib tal-Għasafar tal-Għana fil-Kunsill tal-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK), u kien ukoll l-ewwel President tal-*Malta Falconers Club*, ħalla din id-dinja waqt li kien fil-post favorit tiegħu fl-ambjent naturali tal-għalqa fejn kellu l-mansab.

### IL-BIRDLIFE TIPPROVA TWAQQAF IL-KAĊĊA TAL-GAMIEM

BirdLife Malta ressqet Mandat ta' Inibizzjoni fil-Qorti biex ma jinfetaħx l-istaġun tal-kaċċa għall-Gamiem mill-Ħadd, 17 ta' April 2022.

### IL-FKNK B'RIKORS IL-QORTI KONTRA BIRDLIFE MINĦABBA L-KAĊĊA TAL-GAMIEM

Il-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) resqet Rikors fil-Qorti kontra l-Mandat ta' Inibizzjoni li ġie ppreżentat mill-BirdLife Malta kontra l-Gvern, fejn talbet li l-istaġun tal-kaċċa fuq il-Gamiem ma jinfetaħx il-Ħadd 17 t'April 2022 kif kien mistenni.

### IL-MINISTRU CLINT CAMILLERI JILTAQA' MALL-FKNK

L-Onorevoli Ministru Clint Camilleri kellu laqgħa ma' delegazzjoni mill-Kunsill tal-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) fil-Ministeru f'Għawdex.

Il-Laqgħa ddiskutiet fid-dettall l-eżitu tal-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa tal-2022; il-programm ta' riċerka tal-għasafar tal-għana u l-liċenzji għall-insib; il-progress tar-regolarizzazzjoni rigward it-tassidermija; multi u penali amministrattivi; l-imġieba neokolonjalista u t-theddid tal-attivisti tal-CABS u BirdLife Malta; u d-diversi proġetti tal-FKNK, minbarra oħrajn.

### AKTAR TLUQ TA' GAMIEM WAQT IL-JUM DINJI TAL-MIGRAZZJONI TAL-GĦASAFAR

Fl-okkazjoni tal-Jum Dinji tal-Migrazzjoni tal-Għasafar, il-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) titlaq aktar minn 400 gamiema fis-selvaġġ minn Paradise Bay, il-Mellieħa.

Il-proġett tal-FKNK - 'Tnissil fil-magħluq u tluq fis-selvaġġ' beda lura fis-sena 2017, fejn ta' kull sena l-FKNK titlaq fis-selvaġġ mijiet ta' gamiem mnissla fil-magħluq, fi żmien il-passa tal-għasafar filwaqt li l-istaġun tal-kaċċa jkun magħluq.

### FACE TNIEDI KAMPANJA MAĠĠURI GĦALL-KAĊĊA U L-KONSERVAZZJONI FL-EWROPA

FACE (Il-Federazzjoni Ewropea għall-Kaċċa u l-Konservazzjoni) flimkien mal-membri tagħha - 37 assoċjazzjoni nazzjonali tal-kaċċa madwar l-Ewropa, inkluż l-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK), 35 sena Membru tal-FACE - tniedi l-Kampanja tal-Kaċċaturi Ewropej f'konferenza stampa online.

### IL-FKNK TKOMPLI L-MONITERAĠĠ TAL-PASSA TAL-GAMIEM

L-Onorevoli Ministru Silvio Schembri rrilaxxa fis-selvaġġ is-sitt gamiema, li semma FAITH.

Dan ir-rilaxx, li seħħ mir-Razzett tal-Bagħal ġewwa l-ġonna tal-Buskett liema Razzett ilhu amministrat mill-FKNK mill-2010, segwa s-suċċess inkoraġġanti tar-riżultat li kisbet l-FKNK is-sena l-oħra bir-rilaxx ta' gamiem ieħor li ukoll kien imbrigat bi trasmittituri simili. Permez ta' dawn l-FKNK setgħet issegwi l-vjaġġ ta' dawn il-gamiem lejn id-diversi pajjiżi fit-Tramuntana tal-gżejjer Maltin u anke xi vjaġġ tar-ritorn tal-istess gamiem.

Dan il-gamiem u mijjiet oħrajn li ta' kull sena l-FKNK tirrilaxxa fis-selvaġġ huwa parti mill-Proġett tal-FKNK "Captive-breeding and Release of Turtle Doves", li l-FKNK setgħet tniedi fl-2017, grazzi għall-għajnuna tal-Onorevoli Ministru Silvio Schembri. L-intervent tal-istess Ministru Schembri kien ukoll strumentali biex ir-"Responsible Gaming Foundation" sponsorjat it-trasmittituri kemm tas-sena l-oħra kif ukoll ta' din is-sena.

### DELEGAZZJONI TAL-FKNK FL-LAQGĦAT TAL-FACE

Delegazzjoni ta' erba' Uffiċjali mill-Kunsill tal-FKNK (Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti) ipparteċipat fl-laqgħat li organizzat il-FACE (The European Federation for Hunting and Conservation) f'Dortmund fl-okkażjoni tal-40 anniversarju tal-Fiera Jagd und Hund – l-akbar fiera tal-kaċċa fl-Ewropa. Il-laqgħat kienu tal-FACE MED, tal-FACE Communications Working Group u tal-Bord tal-FACE.

Fuq stedina ta' FACE l-Onorevoli Ministru Clint Camilleri ndirizza l-laqgħa tal-FACE MED, li tinkludi Membri tal-FACE mir-reġjun tal-Mediterran, inkluż il-membru tal-FACE ta' 35 sena - l-FKNK. L-indirizz tal-Ministru Camilleri u d-diskussjonijiet relattivi li segwew ikkonċentraw fuq il-prattiċi tradizzjonali tal-kaċċa u l-insib tal-pajjiżi tal-Mediterran u l-isfidi simili li kull pajjiż jaffaċċja bħala riżultat ta' l-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE.

### APPUNTAT CHAIRPERSON ĠDID TAL-KRPE

Il-Kummissjoni Relazzjonijiet Pubbliċi u Edukattivi (KRPE) fi ħdan il-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) tara tmexxija ġdida tas-Sur Clayton Borg, li għal diversi snin diġa serva f'dan il-Kumitat.

Il-FKNK tixtieq tirringrazzja lis-Sur Joseph Buttigieg, li serva ukoll għal ħafna snin bħala President tal-istess FKNK, għal-ħidma u l-kontribut li dejjem ta lill-FKNK, kif ukoll talli ser jibqa jkun ta' assistenza għall-KRPE fi żmien li ġej.

Fl-aħħar u mhux l-inqas, nawguraw lis-Sur Clayton Borg għal kariga ġdida tiegħu, u ħidma siewja fil-ġejjini flimkien mall-membri l-oħra tal-KRPE.

### VIĊI-PRESIDENT ĠDID TAL-FKNK FL-AECT

Il-Konsulent Amministrattiv tal-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK), is-Sur Joseph Perici Calascione, ġie appuntat wieħed mill-Viċi-Presidenti tal-AECT (Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kaċċa Tradizzjonali) waqt il-Laqgħa Annwali tal-istess AECT li nżammet ġewwa Marsilja fit-12 ta' Ġunju 2022.

# IT-TRADIZZJONI SOĊJO-KULTURALI TAL-INSIB TAL-GAMIEM FIR-REBBIEGĦA ‘IT-TRADIZZJONI TAT-TRADIZZJONIJIET’

minn Lino Farrugia

Jien nipparteċipa, tista’ tgħid, f’kull prattika ta’ kaċċa u nsib, kemm fil-gżejjer Maltin, kif ukoll f’diversi pajjiżi oħra (il-kaċċa) madwar id-dinja. Madankollu, l-aktar prattika għal qalbi, minn dejjem kienet u tibqa’, in-namra tal-insib tal-gamiem fir-rebbiegħa. Għalija, it-Tradizzjoni tat-Tradizzjonijiet!

Sfortunatament, u kif żgur jafu dawk in-nassaba li kellhom ix-xorti li xi darba jonsbu għall-gamiem fir-rebbiegħa, l-isbaħ żmien tas-sena, l-aħħar li nsabna għall-gamiem fir-rebbiegħa kien fis-sena 2007 (ħmistax-il sena ilu!). Jgħid x’jgħid min irid, dan huwa riżultat dirett tas-sħubija ta’ Malta fl-Unjoni Ewropea (UE), li minkejja t-twissijiet kollha tal-FKNK qabel is-sħubija, ftit kienu dawk in-nassaba, u anki l-kaċċaturi, li emmnu lill-FKNK. Issa, m’hemmx wisq x’jista’ wieħed jagħmel ħlief li jipprova jġib lura ftit minn dak kollu li tlifna kawża tas-sħubija fl-UE billi jaħdem fi ħdan il-parametri tar-regolamenti u liġijiet tal-UE. Hekk kif għamlet il-FKNK b’xogħol bla waqfien permezz ta’ liema, erġajna gawdejna ftit kaċċa għall-gamiem fir-rebbiegħa ta’ din is-sena 2022, wara waqfien ta’ ħames snin (ngħid għalija, ħassejtni twelidt mill-ġdid! Sempliċiment għax stajt liberament inkun għall-kaċċa fis-sbuħija tal-ambjent naturali li toffri r-rebbiegħa).

Għalhekk, jien nibqa’ tal-fehma, li ħadd, mis-sema ’l isfel, m’għandu jkollu s-setgħa li jabolixxi parti sostanzjali u essenzjali mill-ħajja ta’ kuljum (way of life) ta’ dak li jkun. Xi jħoss u xi tfisser għan-nassab tali abolizzjoni jien kont iddiskrivejtha fil-ktieb “L-insib għall-Għasafar tal-Passa fil-Gżejjer Maltin – b'enfasi fuq l-insib għall-Gamiem”, li kien ippubblikat mill-FKNK fl-2012, fejn kont sostnejt li:

“...jien nemmen li ħadd u ħadd m'għandu jabolixxi n-namra tradizzjonali tal-insib mill-gżejjer tagħna; ħadd m'għandu jkollu l-poter li jabolixxi din il-passjoni tal-insib tal-poplu Malti u Għawdxi; ħadd m'għandu jtellef, jipprova jnessi l-insib, li kif għidt qabel, jifforma parti integrali mis-soċjetà u l-kultura tagħna.” u komplejt:

“U jekk wieħed ineħħi din il-parti tal-ħajja tan-nassab, dan jista’ jeqred il-propju ħajja ta’ dik il-persuna tant li m'għandux lejn xiex iħares ’il quddiem matul is-sena kif minn dejjem kien jagħmel b’tant dedikazzjoni, m'għandux fuq xiex joħlom, għalxiex jitlob, jispera u jistenna b’tant ħerqa għal żmien il-passa. Ma tantx jibqa’ soċjali, jista’ jbati kemm mentalment kif ukoll fiżikament, u għalxejn ifittex bnadi oħra għal alternattivi, għax ma jsib xejn. Ix-xogħol u r-relazzjonijiet mal-familja u ħbieb ibatu wkoll. Fil-fatt nassab jista’ jaqa’ f’dipressjoni u jaħseb li ma fadallux għalxiex ikompli jgħix...”.



Lili, tant kienet tagħtni ġewwa, it-twaqqif tal-insib tal-gamiem fir-rebbiegħa, li f' “Kelmtejn Qabel” fil-ktieb li għadni kif semmejt kont ktibt:

“...li l-insib tradizzjonali tal-gamiem fir-rebbiegħa ma baqax permess mill-2008, inkwetatni mhux ftit, speċjalment il-fatt, u minkejja l-ħafna dokumenti, papers, studji u anki programmi televiżivi li ta’ sikwit ħejjiet u tellgħet l-FKNK, imkien - lokalment - ma stajt insib xi ktieb jew ktejjeb, apparti l-gazzetta l-‘PASSA/ PASSAtemp’, b’informazzjoni dwar l-insib lokali.

B’hekk iddeċidejt li nikteb u naqsam it-tali informazzjoni mill-esperjenza li għandi rigward l-insib, speċjalment l-insib għall-gamiem, mhux biss għall-ġenerazzjoni preżenti, iżda aktar minn hekk għall-ġenerazzjonijiet li se jiġu warajna, sabiex jekk Allaħares qatt, l-insib jispiċċa minn pajjiżna, jibqa’ dan il-kontribut żgħir tiegħi, iżda umli u ġenwin.”

Minkejja dawn id-diffikultajiet kollha, jien, flimkien mal-FKNK qatt ma qtajna qalbna, u kull sena mill-2008 sa din is-sena stess, dejjem għamilna proposti lill-awtoritajiet biex nerġgħu nonsbu għall-gamiem fir-rebbiegħa. Kif għamilna wkoll kull sena rigward kull namra oħra li kienet ġiet sospiża għal raġuni jew oħra mindu sseħibna fl-UE – insib tal-għasafar tal-għana; kaċċa tal-gamiem fir-rebbiegħa; u regolamenti oħra li ġew imposti. Għalhekk ukoll, jien tibqagħli t-tama li qabel ma nħalli din id-dinja, nerġa’ nagħmel qelba għall-gamiema.

Hawn nixtieq nagħti d-dettalji tal-proposti li l-FKNK għamlet dan l-aħħar sentejn rigward l-insib tal-gamiem fir-rebbiegħa. Kif tistgħu taqraw dawn huma forma tar-riċerka, li nemmnu li eventwalment jistgħu jwasslu biex l-insib għall-gamiem fir-rebbiegħa jerġa’ jibda jsir b’mod tradizzjonali. Riċerka, permezz ta’ liema, KULL nassab (u mhux biss ftit ippreferuti), għad-diskrezzjoni tiegħu, jingħata l-opportunità li jonsob għall-gamiem fir-rebbiegħa.

Il-Proposta li saret lill-Awtorità biex issir Riċerka permezz tal-Insib għall-Gamiem fir-Rebbiegħa mill-FKNK fis-snin 2021 u 2022:

Programm ta’ riċerka hekk imsejjaħ bl-Ingliż *Citizen Science* fejn isir il-qbid tal-gamiem fir-rebbiegħa permezz ta’ mnasab tradizzjonali minn nassaba liċenzjati.

- peress li l-ftit ‘ring-recoveries’ mill-għasafar rilaxxati mill-Proġett tal-Gamiem tal-FKNK mill-2017, s’issa ma pproduċewx biżżejjed evidenza xjentifika u teknika konkreta dwar dak li fil-fatt isir mill-gamiem rilaxxat u l-pajjiżi u l-popolazzjonijiet ta’ referenza relattivi (the countries and their reference populations) tal-gamiem li jpassi minn fuq il-gżejjer Maltin, fl-2021, l-FKNK investiet f’mezzi oħra ta’ teknoloġija informatika għall-monitoraġġ tal-movimenti tal-gamiem, inkluż l-użu ta’ GPS Transmitters;
- barra minn hekk, l-esperjenza tal-Proġett wera li kien wasal iż-żmien li jiġi introdott demm ġdid fl-istokk tal-Proġett sabiex tkun assigurata d-diversità ġenetika biex jissaħħaħ it-tnissil eżistenti;
- għalhekk, u sabiex jinkiseb il-kampjun selvaġġ, l-FKNK ipproponiet li jkun permess il-qbid tal-gamiem permezz tal-imnasab tradizzjonali mis-17 sat-30 ta’ April 2021/2, iż-żewġ dati inklużi, bħala Programm ta’ riċerka *Citizen Science* bil-kundizzjonijiet li ġejjin:

- Il-ħinijiet permessi għandhom ikunu l-istess bħal dawk irregolati mil-leġiżlazzjoni qafas;
- L-ebda limitu fuq l-ammont tal-qbid m'għandu jiġi applikat;
- L-insib għandu jkun permess biss f'siti li huma diġà rreġistrati mal-Awtoritajiet. Daqs massimu ta’ kull xibka 38 metru kwadru; malji daqs minimu ta’ 45 millimetru kwadru. Jistgħu jintużaw kwalunkwe ammont ta' gamiem ħaj bħala taħrik;
- Jista' japplika kwalunkwe nassaba liċenzjat. Kull applikant jista’ jirreġistra mansab wieħed. Kaċċatur u nassab liċenzjat jista’ jagħżel jekk jikkaċċjax jew jonsobx għall-gamiem, u m’għandux jitħalla jipprattika kemm il-kaċċa kif ukoll l-insib simultanjament għall-gamiema, fi kwalunkwe ħin matul is-17 sat-30 ta’ April 2021/2, iż-żewġ granet inklużi;

L-ebda senter m'għandhu jkun permess fi ħdan il-perimetru immedjat tas-sit tal-insib li jinkludi d-dura tal-mansab fi kwalunkwe ħin matul is-17 sat-30 ta' April 2021, iż-żewġ granet inklużi;
- Il-gamiem maqbud għandu jiġi rreġistrat immedjatament permezz ta’ Sistema ta’ reġistrazzjoni tal-Awtoritajiet u mogħtija lill-Awtoritajiet fil-jum li jinqabad għal skopijiet ta' rekords u d-distribuzzjoni eventwali lill-Proġett. Din ir-riċerka, hija perfettament possibbli permezz tal-applikazzjoni ta’ deroga mill-artikolu 9.1(b) tad-Direttiva tal-UE hekk magħrufa tal-“Għasafar” liema artikolu huwa spjegat fid-“Dokument ta’ Gwida dwar il-kaċċa taħt id-Direttiva tal-Kunsill 79/409/ KEE dwar il-ħarsien tal-għasafar salvaġġi - Id-Direttiva tal-Għasafar”, tal-istess UE hekk:

“3.5.20 L-Artikolu 9(1)(b) jippermetti l-possibbiltà li jintużaw derogi għall-għanijiet ta’ riċerka u tagħlim, ta’ popolazzjoni mill-ġdid, ta’ introduzzjoni mill-ġdid u għat-tnissil meħtieġ għal dawn il-popolazzjonijiet. Ir-rabtiet bejn dawn il-possibbilitajiet u l-kaċċa x’aktarx ikunu limitati ħafna, għalkemm jistgħu jkunu rilevanti f’każijiet fejn ikun hemm programmi ta’ tnissil għall-ispeċijiet tal-kaċċa bil-ħsieb li jerġgħu jiġu ppopolati jew li jerġgħu jiġu introdotti mill-ġdid. Jista’ jkun hemm ukoll każijiet fejn proġetti ta’ riċerka oħrajn tal-kaċċa jistgħu jiġġustifikaw l-użu ta’ dan it-tip ta’ deroga.” (kliem b'tipa grassa mill-awtur).

Sabiex issa nagħti ftit aktar dettalji rigward il-prattika u t-teknika meħtieġa biex wieħed jonsob għall-gamiem, għal darb'oħra se nirreferi għal ftit siltiet mill-ktieb li diġà semmejt, "L-insib għall-Għasafar tal-Passa fil-Gżejjer Maltin – b'enfasi fuq l-insib għall-Gamiem", li jirrigwardaw l-insib tal-gamiem:

"L-ornitologu Ingliż C.A. Wright, li kien Malta bejn l-1864 u l-1874, kiteb kif kien jinqabad il-gamiem bl-imnasab, anki ħafna drabi mill-kappillan tar-raħal, li skont Wright dan kien ikollu ħafna ħin liberu."

"Il-festi ta' San Ġorġ (23 ta' April), tas-Salib (3 ta' Mejju) u ta' San Filep (12 ta' Mejju) huma assoċjati mal-ewwel, it-tieni u t-tielet passa tal-gamiem."

"Frażi oħra li għandha x'taqsam mal-insib tradizzjonali tal-gamiem hi: "meta tisma' l-qerd in-naħal, erfa' x-xbiek u mur lejn ir-raħal". Din kienet tfisser li meta jinstema' l-qerd in-naħal, ġeneralment mhux qabel tard f'Mejju, kien ikun is-sinjal li la ġie l-qerd in-naħal daqshekk ġej gamiem, allura n-nassab seta' jżarma. Però, u kif żgur jafu n-nassaba u l-kaċċaturi kollha, għal dawn l-aħħar ftit snin din il-frażi m'għadhiex tapplika wisq, peress li l-qerd in-naħal żdied bil-bosta u qed jidher fostna f'numri kbar ħafna, ferm qabel ma tkun spiċċat il-passa tal-gamiem, saħansitra fil-bidu nett t'April. Ġieli lanqas tkun għadha dehret gamiema meta jkun ġa ġie l-qerd in-naħal, li qed iqatta' ħafna żmien magħna u xi ftit pari anki ġieli jbejtu."

"Fost il-ħafna diskors insibu: Armatura; Ġbid; Salib; Rażża; Marbat; Ġoga jew Koppa; Ruffjana; Ħoxja; Radd jew kif jgħidu ġewwa Għawdex Batta; Teħles jew skont l-Għawdxin Tifli; Qalba; Għażel; Għakisa jew qarsa (f'Għawdex); Arbulett; Ġebla; il-propju kelma Nassab; Seffut; Xkiel; Imbrigar; Kappun; Ħoġor jew Żaqq; Lasti; Taħrik; Ċagħqija; Galletta; Gabjetta; Gabjun; Iżoqq; u ħafna u ħafna oħrajn."

"tradizzjonalment l-insib...isir... għall-gamiem minn nofs April sa nofs Mejju għalkemm ftit nassaba jonsbu għall-gamiem ukoll fl-ewwel ġimgħat ta' Settembru."

"Il-passa tal-gamiema wkoll tiddependi fuq it-temp u l-irjiħat. Fil-fatt il-passa tal-gamiem fir-rebbiegħa minn dejjem kienet tikkonstitwixxi l-passa prinċipali u tradizzjonali għall-kaċċatur u n-nassab Malti. Dik tal-ħarifa, jew aħjar ta' tard fis-sajf, (għax wara kollox kif kull dilettant jaf, il-miżerja ta' gamiem li jista' jidher f'dan iż-żmien x'aktarx li jkun għall-aħħar ta' Awwissu, l-aktar sal-għoxrin ta' Settembru), minn dejjem ma kinitx importanti daqs tar-rebbiegħa.

Fatturi oħra li jikkontribwixxu għal dan huwa d-differenza fit-temp, minn dak tant sabiħ ta' April u Mejju meta mqabbel mas-sħana qalila u umduża li jkollna f'Settembru. Jattribwixxi wkoll għall-fatt li minħabba l-istess temp tajjeb, li normalment ikollna f'Settembru, il-gamiem li jkun qed ipassi ma jkollux bżonn jistrieħ u jibqa' għaddej. Huwa wkoll fatt ippruvat b'evidenza li l-ftit gamiem li jista' jżurna f'Settembru, x'aktarx dejjem jaħbat biss fix-xfarijiet tal-Punent/ tal-Lbiċ ta' Malta, u ma jinstabx fil-lokalitajiet l-oħra kollha ta' Malta u Għawdex fejn normalment jinstab fir-rebbiegħa.

Dan il-fatt, ukoll ġie rikonoxxut mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Ewropa fil-Kawża tal-Kummissjoni kontra Malta u l-verdett li rispettivament ingħata."

"Jien kelli esperjenza ta' mansab li kont nonsob fejn ix-xibka ta' fuq kienet fil-kenn ta' ħarruba kbira, u ħafna drabi meta kienet tagħtini xi gamiema malli tasal kważi fuq iċ-ċagħqija, din kienet tintrefa' u tintefa' fil-ħarruba. Minn hemm rari kienet imbagħad tiġi għal ġewwa, kif ngħidu aħna bħalma jagħmel għasfur tal-għana.



Wieħed mill-aktar postijiet popolari u tajbin għall-imnasab tal-gamiem li minn dejjem kien u għadu sal-ġurnata ta'l-lum, jinstab fl-inħawi tal-Aħrax tal-Mellieħa u huwa magħruf bħala 'd-dahar'."

"...in-nassab tal-gamiem għall-ħabta ta' nofs Frar, u min jonsob f'Settembru għall-ħabta tal-aħħar ta' Ġunju bidu ta' Lulju, dejjem f'ġurnata ta' riħ fuq, inittef il-gamiem kif ukoll jagħzel liema jkun ħa juża għat-taħrik (l-istess gamiem li jkun tajjeb, ġieli jdum jintuża għal snin twal). Meta niġi biex nagħżel xi gamiema ġdida għat-taħrik, jien naqbad il-gamiema mgħammda minn daharha u nitlaqa' lejn l-art minn għoli ta' erba' piedi. Dak il-gamiem li joħroġ 'il quddiem inwarrbu, u nżomm dak li jinżel bit-tperpir ta' ġwenħajh bil-mod mal-art; in-nassab...tal-gamiem ixekkel u jgħammad il-gamiem u jibda jżoqq dak il-gamiem (tradizzjonalment dan kien jinżaqq billi n-nassab jomgħod ftit qamħ u jżoqq lill-gamiem ħalq ma' ħalq). Jien inżoqq bil-qamħirrun imxarrab minn ġurnata qabel u nagħtih b'idi. Wara nisqih permezz ta' siringa mingħajr il-labra. Waqt din il-proċedura nżomm il-gamiema mix-xkiel bejn irkopptejja. Iż-żaqq dejjem isir wara li jitneħħa l-kappun. Hawn min iżoqqu billi wara li jneħħilu l-kappun, iqiegħdu ġo kaxxi magħmulin għal tal-apposta minn fejn ikun jista' jara jiekol u jixrob mingħajr ma jitħabat;..."

"Il-lenez tal-ġwejjek tal-gamiem, li jridu jkunu mkebba f'forma ta' '8' fuq biċċa zokk niexef, biex wieħed ikun jista' jiġri bih meta jkun qed iħoll, iridu jkollhom ukoll dawk imsejħa għakiesi, jew qriesi. Dawn jgħinu jiġbdu lejn id-dura, biex it-taħrika ma tkunx iebsa. Fuq iċ-ċagħqija tal-mansab tal-gamiem, ġieli jitpoġġew marbuta, gamiem mgħammad ukoll, li jissejħu ragħaj, jiġifieri biex jarawhom il-gamiem li jista' jkun qed joqrob lejn il-mansab."

"...it-taħrik... tal-gamiem isir anki meta l-gamiema tkun għadha fil-tul. B'hekk l-ewwel isir it-taħrik bir-ruffjana ta' barra minn fejn tintlemaħ il-gamiema, u meta din tagħmel għar-ruffjana, in-nassab għandu jaħbi r-ruffjana billi ma jkomplix iħarrek, u jħarrek il-gamiema ta' ġewwa sabiex tiġi tfittixha u b'hekk tidħol fiż-żona fejn issir il-qalba biex tinqabad. Kull taħrik fih is-sengħa tiegħu u mhux għalkemm wieħed ipoġġi fuq il-ġebla u jħarrek."

"Illum il-ġurnata ma naħsibx li xi nassab għadu jarma u jżarma l-mansab ta' kull darba li jmur jonsob,... Madankollu, għadni niftakar sew meta jien u ħija Mario, konna narmaw mansab tal-gamiem kuljum, u konna nagħmlu dan f'inqas minn għaxar minuti, u fl-istess temp ta' ħin konna naqilgħuh."

"Għalkemm jeżistu sfafar biex wieħed jimita t-tbarqim tal-gamiem, dawn ma tantx huma popolari, u n-nassab tal-gamiem jiddependi għal kollox fuq it-taħrik, u jekk ikun irid, faċli jimita t-tbarqim b'ħalqu biss."

Nagħlaq billi ngħid li min jinteressah jakkwista l-ktieb "L-insib għall-Għasafar tal-Passa fil-Gżejjer Maltin – b'enfasi fuq l-insib għall-Gamiem, li fuqu bbażajt dan l-artiklu, bla ħlas (għalkemm kwalunkwe donazzjoni tkun apprezzata), għandu jirrikorri l-uffiċċju tal-FKNK l-Imsida (mowbajl: 9947 4503) fejn għad fadal xi kopji. Interessanti li wieħed ikun jaf li ma' dan il-ktieb hemm DVD mehmuża b'diversi tipi tal-prattika, u anki qlib, tal-insib tradizzjoni – tal-gamiem; tal-għasafar tal-għana; bix-xibka mimduda għas-summien; għall-pluvieri u għall-imlievez; kif ukoll it-trobbija ta' dawn id-diversi speċi fil-magħluq. "Dawn is-siltiet ittieħdu kollha fi gżiritna, u għalkemm il-kwalità mhijiex xi ħaġa speċjali, jien persważ li n-nassaba żgur se jieħdu pjaċir jarawhom."










# MIS-SERVIZZ GĦALL-GWIDA TAT-TURISTI: L-ITS JOFFRI FIRXA VASTA TA' KORSIJIET GĦAL ETAJIET VARJI.

L-Istitut għall-Istudji Turistiċi (ITS) ġie stabbilit 35 sena ilu u huwa l-istituzzjoni edukattiva ewlenija ta' Malta fit-turiżmu u l-ospitalità. L-ITS għandu żewġ kampusijiet: kampus ewlieni li jinsab Ħal Luqa u kampus ieħor il-Qala, Għawdex.

L-Istitut joffri għażla wiesgħa ta' programmi ta' studju li jvarjaw minn Foundation (MQF Livell 2) sa Master's Degree (MQF Livell 7). Ħafna programmi huma disponibbli f'diversi livelli. L-ITS joffri programmi fl-Arti Kulinarja, fid-Diviżjoni tal-Kmamar, fl-Avvenimenti, fl-Ivvjaġġar Favur il-Klima, fl-Istudji tal-Inbid, fl-Immaniġġjar tal-Ospitalità Internazzjonali, fl-Immaniġġjar tas-Sikurezza fl-Għadis, fil-Gwida tat-Turisti, fl-Ivvjaġġar u t-Turiżmu, fl-Interpretazzjoni tal-Patrimonju, fl-Amministrazzjoni tan-Negozju, u fis-Servizz tal-Ikel u x-Xorb. Dawn il-programmi għalhekk ikopru l-ħtiġijiet tal-industrija tat-turiżmu u l-ospitalità. Barra minn hekk, l-istudenti jistgħu jaċċertaw ruħhom li għandhom l-aħjar opportunitajiet biex jispeċjalizzaw f'oqsma adattati għall-interessi u l-kapaċitajiet tagħhom.

Matul is-snin, l-ITS dejjem ħadem u stinka ħafna lejn il-viżjoni tiegħu biex iħarreġ u jħejji nies għall-industrija tat-turiżmu u l-ospitalità, kemm ġewwa kif ukoll barra minn Malta. Għalhekk, l-Istitut għall-Istudji Turistiċi dejjem ħadem fuq il-ħolqien ta' relazzjonijiet kbar ma' diversi universitajiet u istituzzjonijiet internazzjonali.

Fl-2018, l-ITS iffirma affiljazzjoni akkademika mal-Emirates Academy of Hospitality Management (EAHM), li hija globalment ikklassifikata bħala waħda mill-aqwa istituzzjonijiet fil-qasam tat-turiżmu u l-immaniġġjar tal-ospitalità. Minbarra l-ftehim mal-EAHM, l-ITS jaħdem ukoll mill-qrib ma' Haaga-Helia University of Applied Science fil-Finlandja, mal-Institut Paul Bocuse fi Franza, ma' SUNx Malta u ma' DAN Europe. Dawn il-kollaborazzjonijiet ma' universitajiet u istituzzjonijiet internazzjonali jiżguraw li l-istudenti mhux biss jiggradwaw mill-ITS bi kwalifiki rikonoxxuti internazzjonalment, iżda anke li matul il-proċess ikollhom l-opportunità li jistudjaw fl-aqwa universitajiet u istituzzjonijiet rinomati.

L-Istitut għall-Istudji Turistiċi huwa kburi li joffri lill-istudenti kemm għarfien teoretiku kif ukoll esperjenza prattika estensiva matul il-programmi ta' studju tagħhom. Dan jidher biċ-ċar fir-ristoranti tat-taħriġ, fil-kċejjen, u fil-laboratorji tal-ospitalità tal-ITS. Bħala parti mill-programm ta' studju tagħhom, l-istudenti għandhom ukoll l-opportunità li jiksbu aktar taħriġ permezz tal-Prattika Kummerċjali Industrijali Lokali u tal-Internship Internazzjonali. B'dawn l-apprendistati l-istudenti jistgħu jiksbu esperjenza aktar komprensiva u jiżviluppaw ħiliet biex jilħqu standards internazzjonali varji. L-edukazzjoni mogħtija fil-klassijiet flimkien mal-esperjenza prattika jwasslu għal rata għolja ta' impjegabbiltà, fejn l-istudenti saħansitra jsibu impjieg anke qabel jiggradwaw.

Fl-2021, l-Istitut għall-Istudji Turistiċi żvela il-Pjan Strateġiku tiegħu għall-ħames snin li ġejjin. Il-Pjan Strateġiku l-ġdid tal-ITS għandu l-għan li jsawwar l-eċċellenza u l-innovazzjoni fit-turiżmu permezz tat-tagħlim, b'riċerka ta' kwalità, bl-għoti ta' pariri, u bl-ilħuq ta' kunċetti kummerċjali innovattivi.

L-industrija tat-turiżmu u l-ospitalità għaddejja minn diversi bidliet kontinwi, iżda importanti, biex dejjem tagħti kontribut ta' kwalità ogħla f'termini ta' infrastruttura, esperjenza, u servizz. Dan fih innifsu se jkun jeħtieġ titjib konsiderevoli tal-ħaddiema, speċjalment ta' dawk b'livell ogħla ta' edukazzjoni. Peress li l-Istitut għall-Istudji Turistiċi issa qiegħed joffri wkoll programmi edukattivi anke fil-Livell 6 u 7 tal-MQF, dan jista' jaġixxi bħala attur ewlieni biex jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' taħlita aħjar ta' prodotti turistiċi f'Malta u Għawdex.

# IL-MENÙ 'TITANIC' - IKEL B'ĦARSA LEJN IL-PERJODU MEDJEVALI INGLIŻ

www.medieval-recipes.com

Meta ssemmi l-ikel taż-żminijiet medjevali ftit li xejn li wieħed fil-pront se jagħmel xi konnessjoni mal-RMS Titanic. Minkejja dan, fil-21 ta' April 2018 se jiġi rkantat oġġett uniku ta' tifkiriet tat-Titanic – menù oriġinali tal-ewwel ikla li qatt ġiet servuta lill-ekwipaġġ tal-vapur matul l-ewwel provi tiegħu fuq il-baħar fit-2 ta' April 1912. Dan il-menù kien tat-Tieni Uffiċjal Charles Lightoller li wara li kiel din il-propja ikla kien bagħtu lil martu qabel ma l-vapur salpa uffiċjalment għall-vjaġġ ewlieni tiegħu fl-10 ta' April 1912.

L-aktar ħaġa li tolqtok f'dan il-menù huwa l-mod ta' kif jirrifletti l-perjodu u l-post tiegħu fl-istorja.
Il-menù jikkonsisti f'ikel tipiku li kien jisserva fi żmien ir-renju tar-re Dwardu, u li wħud minnu għadhom jikluh f'bosta djar Britanniċi sal-lum – bħal pereżempju l-ewwel platt li kien krema tas-soppa tat-tiġieġ; għall-platt ewlieni hemm ħaruf mixwi biz-zalza tan-nagħniegħ, ħaxix (piżelli, pastard, patata) u ħawħ għad-deżerta.



Madankollu, fil-menù hemm ukoll xi oġġetti li jistgħu jħalluk kemxejn sorpriż.

Wieħed mill-oġġetti li laqtuni kien il-*Golden Plover on toast*. Qatt qabel ma kont rajt ħobż mixwi bil-pluvieri fuq xi menù ta' żminijietna, u la ommi u lanqas in-nanniet tiegħi ma naf li qatt servewh.

**Allura x'qed jiġri hawn?**
Il-pluvier huwa għasfur, però mhux xi wieħed minn dawk li jgħixu f'ambjent domestiku. Huwa għasfur selvaġġ li jħobb jinżel jitliegħeb fl-ixtut u li tiegħu jinstabu diversi varjetajiet imxerrda kważi mad-dinja kollha. L-uniċi żewġ reġjuni fejn tista' tgħid li ma ssib ebda tip ta' pluviera huma r-reġjuni polari u d-deżert tas-Saħara!
Fittixt tweġiba għal dil-mistoqsija imma bqajt ma sibt xejn. Biss, jien għandi din it-teorija. Fil-fehma tiegħi, l-aktar suppożizzjoni loġika hija l-konnessjoni li hemm bejn dawn l-għasafar u l-baħar. X'aktarx li, meta serva l-ikel għall-ekwipaġġ tal-bastiment, il-kok tat-Titanic ħass li l-menù għandu jagħmel platt li għandu xi konnessjoni mal-baħar. Wara kollox dal-vapur ma kienx wieħed ordinarju u xejn anqas ma kien l-ekwipaġġ tiegħu.

Fittixt f'diversi arkivji għal evidenza ta' ekwipaġġi ta' vapuri li jieklu bħall-pispisell aħmar fejn sibt dan l-estratt interessanti minn ġurnal tas-seklu 19 miktub minn Mary Chipman Lawrence li fl-1856 kienet marret fuq vjaġġ ta' 3 snin u nofs għall-kaċċa tal-balieni lejn il-Paċifiku flimkien ma' żewġha l-Kaptan Samuel Lawrence u binthom Minnie ta' 5 snin.

"Barra mill-kosta Messikana ta' Baja California d-dgħajjes tagħna llum għamlu qabda sabiħa ta' ħut u tellgħu wkoll munzell ta' għasafar - bekkaċċ, pispisell aħmar, u pluvieri".

Jidher ċar li meta xi bastiment kbir kien jankra 'l barra mill-kosta, l-ekwipaġġ tiegħu kien ikun jaf li l-qabda mhux f'ħut biss kienet tkun, imma kienet ukoll tikkonsisti f'għadd ta' għasafar diversi, fosthom il-pluvieri li huma ferm komuni, u li għalhekk ta' spiss kienu jsibu ruħhom fuq il-menù tal-ekwipaġġ.

Jekk din it-teorija tiegħi dwar kif il-pluviera sfat fuq il-menù tal-ekwipaġġ tat-Titanic hija korretta, allura dan il-kok tal-vapur li ried jonora lill-membri sħabu tal-ekwipaġġ u pproduċa dak li żgur huwa menù verament uniku, ċertament jistħoqqlu mertu akbar meta tqis dan ukoll mal-fatturi l-oħra.

# MID-DJARJU TA' TIMBA

✍ minn Joseph Farrugia

Għall-ħabta tal-aħħar ta' Marzu ma kinux jibqgħu jiġu tal-għana għax l-istaġun ikun għadda malajr u konna nkunu ftit aktar kwieti mill-insib u ovvja ma kienx ikollna ċans noqogħdu ninħlew bilqegħda fuq il-post ġod-dura.

Moħħna kien li nibdew naħsdu ż-żerriegħa u naqalgħu l-patata u l-ġulbiena u sebat elef ħaġa oħra. Missieri ma kienx jista' jkun l-għalqa dejjem minħabba x-xogħol tiegħu allura kont inqatta' ħafna ħin waħdi hemm għall-kwiet, għalkemm meta jkun hemm ix-xiħ qisu ma kien hemm ħadd xorta għax kliem mill-inqas!

Kemm kelli żmien fuq dan li qed ngħid forsi tnax-il sena, tlettax! Il-minġell malajr tgħallimtu imma ta! Idejja kienu għadhom żgħar allura kont naqbad ftit f'idejja u kont indum iżjed biex naħsad imma jiena x'għaġla kelli, ħadd ma kien jiġri warajja u kont nedha, x'kien jonqosni? Kont nasal fid-dlam l-għalqa, niftaħ id-dwejra, nitfa' l-gabjun żgħir li kelli fuq dahri fuq biċċa banketta bix-xbiek għadu mdendel u l-lasti mal-koxxa tal-bieb. Naqbad ngħalli naqra misħun fuq l-ispiritiera tal-ftejjel u biċċtejn ħobż mixwija bħas-soltu sakemm noqgħod naqra. Sakemm jagħli l-ilma noħroġ nifrex ix-xbiek u narma l-lasti f'posthom, kelli biċċa xogħol għax dak iż-żmien bi xbiek bil-kalamenti tal-ħabel tal-qanneb u kieku tafu kemm ġieli sellejt minħabba l-antipatija ta' ħbula!! Insomma biex ma ntawwalx ix-xbiek mifrux u lest, qabad iżernaq u kienet sirda bil-Grigal ġmielha b'ajru mħallat. Ħriġt il-Bliebel u d-Dizzi u s-Sofor, Gardell, żewġ Ġojjini u żewġt ivrieden. Daqqa toħroġ ix-xemx u daqqa traxxax ħafif u jiena daqqa nissikka l-kalament u x'ħin toħroġ ix-xemx nerġa' nerħi għax jissikka li jkunu ħa jinqasmu l-lasti!!

Qabżitli u mort inkompli naħsad naqra silla bil-mod u bdejt nisma' qisu tisfir imma komplejt, erġajt smajtu, "Ziq Poq" "Ziq Poq" u waqaf! Komplejt xogħoli għal ftit minuti u nhewden u reġa' "Ziq Poq" "Ziq Poq" " Kiri Kiri Kiri Juw" eeeeh dan xi għasfur!! U tlajt bil-mod lejn il-mansab u rajt xi għasfur jiġri fil-mansab ħdejn il-misqa u dħalt minn bieba żgħira wara d-dura għal tal-apposta biex indawru xi għasfur fil-qiegħed. Intfajt fuq il-ġebla bil-kwiet u nara żewġ għasafar jaqbżu fin-nofs fejn il-ġarġir isfar. Imma dawk x'inhuma!? Għedt huma x'inhuma u qlibt u qbadthom!! Ħriġt xkanat li veru għal naqra ma xkanajtx iiiii kemm huma sbieħ!! Żewġ Ortolani!! Mara u raġel! Tfajthom fil-gabjun u moħħni fihom, naħseb x'setgħu kienu. Qabdu telgħin id-Dizzi u s-sofor bil-qtajja u mtela kulm'hemm, tisfir ġej minn kullimkien "Dizzzzzz..... dizzzzzzz .....dizzzzzz, zipp, zipp,zipp..."

Naqleb u lanqas nilhaq nidħol "Wizipp... wizipp... wizipp" salt Sofor u Borox flimkien, bellhuni qed ngħidlikom ma nafx fejn ser indawwar wiċċi, xbiek mimli u niċċassa nhares lejhom neżlin aktar għal ġewwa! Irxiex nieżel u jiena għasra imma ma jimpurtax kont qed ngħix ħolma ta' tifel!

Għamlu ftit ħin li kkwieta x-xogħol u ħtaft il-ħin biex niekol biċċa ħobż u ħsibt li sthajjilt li smajt l-istess tisfira bħal dak li qbadt dawk iż-żewġ għasafar ta' filgħodu "Ziq poq , Ziq poq" u dawk tal-gabjun xi ħadd minnhom wieġeb u għedt mela tal-gabjun kien. Ftit sekondi wara erġajt smajtha t-tisfira minn quddiemi u nsib Ortolan wieqaf fuq il-ħabel tal-fergħa taż-żewġ! Gerrixtu bil-mod u niżel fl-art u nwaddab iż-żrar irqiq lejh u jimxi bil-mod lejn il-mansab, daħal xi żewġ piedi 'l ġewwa mix-xibka u qlibt! Qbadtu wkoll!



Kważi dalam u passejt lejn id-dar u nsib lix-xiħ quddiemi u saqsieni x'għamilt u għedtlu wkoll li qbadt tlett Bliebel sbieħ li qatt ma rajt kulurhom.

"Qalli ħallih il-gabjun ħalli nieħu ħsiebhom jiena" għaddew għaxar minuti u nisimgħu mifqugħ bid-daħq!! Għajjatli u qalli "Dawk mhux Bliebel ġaħan, dawk tliet Ortolani!!, iiiiiiih xi ġmiel proset!!"

Beda kważi jaqbeż bil-ferħ!! Isssss sewwa f'nifs jgħajjarni ġaħan!! U f'nifs ieħor proset!! Imma x'tagħmel hux!! Kont naf li jieħu pjaċir bihom imma.

Saħħa ħuti u moħħkom hemm u ħudu ħsieb xulxin dejjem .

Il-paċi magħkom dejjem u jalla jkollhom l-għaxija mill-isbaħ!!

EUROPEAN HUNTERS' CAMPAIGN

# Niddefendu l-wirt kulturali tagħna



*Iffirma hawn*

**Scan QR!**

Jew fuq il-formoli apposta li l-FKNK qassmet madwar Malta u Għawdex.

HUNTERS OF EUROPE
FACE

FEDERAZZJONI KAĊĊATURI NASSABA KONSERVAZZJONISTI
F K N K

@faceforhunters

@fknkMalta